Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 17 ta' Lulju 2025**
**(OR. en)**

**11765/25**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0543(COD)**

**RECH 331**
**COMPET 758**
**IND 283**
**MI 557**
**EDUC 329**
**TELECOM 251**
**ENER 379**
**ENV 721**
**CLIMA 282**
**AGRI 360**
**TRANS 313**
**SAN 470**
**BIOTECH 3**
**CADREFIN 109**
**CODEC 1046**
**IA 91**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 16 ta' Lulju 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 543 final |
| Suġġett: | Proposta għal<br>REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL<br>li jistabbilixxi l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont Ewropa, għall-perjodu 2028-2034, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/695 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 543 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 543 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2025
COM(2025) 543 final

2025/0543 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont Ewropa, għall-perjodu 2028-2034, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/695**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2025) 555 final} - {SWD(2025) 555 final} - {SWD(2025) 556 final}

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi

Din il-proposta tistabbilixxi l-għaxar Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont Ewropa, strument ewlieni għat-twettiq tal-ambizzjonijiet ta' politika deskritti fil-proposta tal-Kummissjoni għall-baġit fit-tul li jmiss tal-UE (2028-2034) u l-prijoritajiet politiċi għall-2024-2029, kif stabbilit fil-linji gwida tal-President von der Leyen – *l-Għażla tal-Ewropa*.

Filwaqt li tibni fuq waħda mill-aktar marki b'saħħithom tal-Ewropa u l-akbar programm ta' R&I fid-dinja – Orizzont Ewropa, din il-proposta tqiegħed ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qalba tal-ekonomija u l-istrateġija tal-investiment tal-Unjoni. Din tippromwovi s-sempliċità u l-flessibbiltà, u b'hekk tippermetti nfiq tal-UE aktar malajr u aktar strateġiku b'regoli aktar ċari u bi proċeduri aktar trasparenti għall-applikanti u għall-partijiet ikkonċernati.

L-UE tinsab f'salib it-toroq mill-aktar importanti. It-tibdil fil-klima, ir-rivoluzzjoni fit-teknoloġija, il-ġeopolitika li qed tinbidel, u x-xejriet demografiċi qed jerġgħu jsawru mill-qiegħ is-soċjetà u l-ekonomija tagħna. Biex tibqa' kompetittiva, reżiljenti u magħquda, l-Ewropa trid tagħti prijorità lir-riċerka u l-innovazzjoni. Hu biss b'investiment fix-xjenza, bir-riedni f'idejn in-nies u l-intraprendituri tagħna, u b'ħidma flimkien, li nistgħu nibnu Ewropa aktar sostenibbli, sigura u kompetittiva għal kulħadd.

Dan l-imperattiv hu enfasizzat fir-rapport ta' Draghi dwar il-futur tal-kompetittività tal-UE li xeħet l-innovazzjoni fil-qalba tal-kapaċità tal-Ewropa biex terġa' tikseb tkabbir fil-produttività. Ir-rapport ta' Letta dwar il-futur tas-suq uniku, u r-rapport tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni interim ta' Orizzont Ewropa enfasizzaw ukoll il-ħtieġa li l-UE żżid l-isforzi tal-innovazzjoni għall-kompetittività, is-sostenibbiltà u s-sigurtà.

L-Ewropa jeħtiġilha żżid l-investimenti tagħha fl-innovazzjoni u tindirizza d-dgħufijiet tagħha li jibdew bl-ostakli tul il-perkors mill-innovazzjoni sal-kummerċjalizzazzjoni. L-appoġġ tas-settur pubbliku għar-R&I jeħtieġ jindirizza wkoll in-nuqqasijiet tal-ekosistema tar-R&I tal-Ewropa u l-prestazzjoni tal-innovazzjoni, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE.

B'rispons għal dan, din il-proposta tippreżenta Orizzont Ewropa simplifikat u ffukat mill-ġdid b'mod li jsaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tal-UE, jagħti spinta liċ-ċirkolazzjoni u l-adozzjoni tal-għarfien, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, u jingrana l-istrumenti tal-finanzjament tal-UE għal valur miżjud massimu, biex jitħalla effett katalitiku fuq aktar investimenti pubbliċi u privati fl-Istati Membri.

B'mod aktar speċifiku, Orizzont Ewropa għandu l-għan li:

- jippromwovi l-valuri ewlenin tal-libertà u l-ftuħ tax-xjenza;
- iżid il-bażi tal-għarfien eċċellenti tal-Ewropa billi jiffoka fuq il-valur miżjud tal-UE;
- itejjeb il-karrieri fir-riċerka u jattira l-aqwa riċerkaturi fl-Ewropa u lil hinn minnha, skont l-approċċ "Agħżel l-Ewropa";
- jimmobilizza l-investimenti pubbliċi u privati tul il-katina sħiħa tar-R&I, mir-riċerka fundamentali sal-kummerċjalizzazzjoni fis-suq;
- jikkontribwixxi għal aktar investimenti minnu fl-innovazzjoni b'mod partikolari billi jappoġġa l-innovazzjoni madwar l-Ewropa u jżid il-koerenza bejn l-iskemi tal-finanzjament tal-UE u l-investimenti tal-Istati Membri;

- jaħtaf il-potenzjal tal-baġit tal-UE biex jitnaqqas ir-riskju u jinfetħu opportunitajiet akbar tal-investiment. Jiffoka l-investiment fuq il-prijoritajiet strateġiċi tal-UE, inkluż is-suq uniku, it-tranżizzjoni nadifa, id-dekarbonizzazzjoni, iċ-ċirkolarità, id-diġitalizzazzjoni, is-sigurtà, ir-reżiljenza u l-koeżjoni soċjali;
- itejjeb l-aċċess għall-finanzjament tal-UE bi proċeduri aktar mgħaġġlin, simplifikati, armonizzati, u bl-utent fiċ-ċentru, ħalli titwessa' l-parteċipazzjoni u jitħaffu r-riżultati.

Wara r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' Draghi, Orizzont Ewropa se jkollu l-għan li:

- jiffoka r-riżorsi fuq il-prijoritajiet strateġiċi filwaqt li jissokta bir-riċerka minn isfel għal fuq;
- iżid il-potenzjal tas-sħubijiet pubbliċi privati b'ambjent simplifikat;
- iżid l-appoġġ għall-innovazzjoni rivoluzzjonarja;
- jissimplifika l-aċċess tal-benefiċjarji għall-Programm.

Il-programm Orizzont Ewropa fih:

- Regolament li jistabbilixxi l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni intitolat "Orizzont Ewropa" għall-perjodu 2028-2034 (skont l-Artikolu 182(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea – "TFUE");
- Programm Speċifiku għall-implimentazzjoni ta' "Orizzont Ewropa" (skont l-Artikolu 182(3) tat-TFUE);
- valutazzjoni tal-impatt assoċjata (għall-Fond Ewropew għall-Kompetittività) u dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi.

Orizzont Ewropa se jkun marbut mill-qrib mar-Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK), biex jiggarantixxi fluss bla xkiel mir-riċerka fundamentali għar-riċerka applikata għal negozji ġodda għal negozji li qed jespandu; u jinkludi l-ġabra unika tar-regoli li tapplika wkoll għal Orizzont Ewropa. Il-Programm jista' jappoġġa azzjonijiet b'użu doppju.
Hu propost li jiġi stabbilit Programm Speċifiku dwar ir-riċerka fid-difiża permezz tar-Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Kompetittività għall-perjodu 2028-2034.
Dawn il-proposta ta' hawn fuq qed jiġu kkomplementati b'Att uniku li jistabbilixxi Impriżi Konġunti u li jiżgura regoli armonizzati.
Din il-proposta ssemmi l-1 ta' Jannar 2028 bħala d-data tal-bidu tal-applikazzjoni tal-atti leġiżlattivi.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti**

"Orizzont Ewropa" hu konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti tal-Unjoni Ewropea u konformi ma' **baġit aktar sempliċi, aktar iffukat u li jħalli impatt akbar**.
Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni hu konsistenti mal-**Boxxla Ewropea għall-Kompetittività** adottata mill-Kummissjoni f'Jannar 2025, li tipprovdi pjan direzzjonali biex tingħata spinta lill-kompetittività b'miżuri ewlenin skont tliet imperattivi ta' trasformazzjoni: aktar investimenti minnu fl-innovazzjoni; pjan direzzjonali konġunt għad-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività, inqas dipendenzi eċċessivi u aktar sigurtà.
Flimkien mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, il-programm "Orizzont Ewropa" jaħdem biex isaħħaħ il-kompetittività, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà, it-tmexxija teknoloġika, u l-koeżjoni soċjali. Dawn jipprovdu **simplifikazzjoni kbira** kemm fejn jidħol l-għadd ta'

programmi b'objettivi li jikkoinċidu, u anki fejn tidħol is-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni: inqas burokrazija u rappurtar, aktar fiduċja, infurzar aħjar, u permessi aktar mgħaġġlin. Fl-istess ħin, l-arkitettura proposta tal-Programm se tiżgura l-prevedibbiltà u l-kontinwità fil-prijoritajiet tal-finanzjament bil-**ħeffa** u l-**flessibbiltà** meħtieġa ħalli l-Unjoni tkun tista' tirrispondi għal prijoritajiet emerġenti jew mhux previsti.

Ir-rwol ewlieni tar-riċerka u l-innovazzjoni fit-tisħiħ tal-kompetittività jagħmel l-appoġġ pubbliku għar-R&I aktar essenzjali minn qatt qabel, b'mod partikolari fil-livell tal-Unjoni fejn il-valur miżjud tiegħu mhuwiex ikkontestat. Il-kollaborazzjoni hijkruċjali fl-UE kollha biex jiġu indirizzati l-isfidi globali, speċjalment dawk tas-soċjetà u tal-ambjent. Il-proposta hija konformi għalkollox mal-aġenda tal-Kummissjoni għar-R&I, u tipprovdi inċentivi lill-Istati Membri, lis-settur mingħajr skop ta' qligħ u lis-settur privat biex iżidu l-investimenti u jgħaqqdu **l-isforzi biex tintlaħaq il-mira tal-investiment ta' 3 % tal-PDG tal-Unjoni** fir-riċerka u l-iżvilupp.

Il-Programm se jappoġġa l-implimentazzjoni tal-objettivi ta' politika tal-Unjoni, bħall-Patt għal Industrija Nadifa, il-Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA, il-Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli, il-Pjan ta' Azzjoni Industrijali tal-UE għas-settur awtomobilistiku, l-Istrateġija tal-UE għall-kumpaniji Start-up u Scale-up, l-Istrateġija għax-xjenzi tal-ħajja kif ukoll inizjattivi rilevanti oħra ta' "Għażel l-Ewropa".

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konsistenti għalkollox mal-politiki tal-Unjoni. Bi qbil mal-prijoritajiet tal-Kummissjoni, din tixħet **ir-riċerka u l-innovazzjoni fiċ-ċentru tal-ekonomija**. **Tistabbilixxi kapaċità tal-investiment** biex tixpruna ideat ġodda u tressaqhom lejn innovazzjonijiet ġodda għas-servizz tal-Ewropej u ta' oħrajn.

Ir-R&I huma kritiċi biex ikunu jistgħu jitwettqu b'suċċess il-prijoritajiet tal-Unjoni f'oqsma bħas-saħħa, it-teknoloġiji diġitali, it-trasformazzjoni industrijali nadifa, l-ekonomija ċirkolari, is-soċjetajiet inklużivi u demokratiċi, il-bijodiversità u r-riżorsi naturali, l-enerġija, il-mobbiltà, l-ambjent, l-ikel, id-dekarbonizzazzjoni, il-preparatezza, l-ispazju u s-sigurtà. Ir-R&I huma fil-qalba tat-tisħiħ tal-produttività u l-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni.

L-investiment fir-R&I se jkun komplementari u marbut mill-qrib **mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività**, u b'sinerġija ma' programmi u strumenti oħra tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP). Il-komplementarjetà u s-sinerġija tal-appoġġ u l-isfruttament tar-R&I fil-baġit fit-tul kollu tal-Unjoni u mal-Istati Membri se jiġu massimizzati bl-**Għodda ta' Koordinazzjoni tal-Kompetittività (CCT, Competitiveness Coordination Tool)** li se tallinja l-politiki u l-investimenti industrijali u tar-riċerka fil-livell tal-UE u dak nazzjonali fost il-proġetti ta' interess Ewropew komuni jew ta' valur miżjud tal-UE.

Abbażi tal-orjentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' tmexxija għall-QFP li jmiss, inkluż l-Għodda ta' Koordinazzjoni tal-Kompetittività, il-programm Orizzont Ewropa u l-Fond Ewropew għall-Kompetittività jistgħu jiffinanzjaw sekwenza koerenti bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni, id-dimostrazzjoni, l-iżvilupp u l-użu, filwaqt li jiffokaw l-isforzi u l-finanzjament, mill-UE u mis-settur nazzjonali, pubbliku u privat ta' proġetti "proġetti moonshot" b'komponent xjentifiku b'saħħtu, li jagħtu spinta lill-ħolqien tal-valur fl-UE kollha u l-awtonomija strateġika (ara l-eżempji hawn taħt).

"Proġetti moonshots" possibbli:

- Investiment fil-Collider Ċirkolari Futur tal-Organizzazzjoni Ewropea għar-Riċerka Nukleari (CERN, European Organization for Nuclear Research), flimkien ma' pajjiżi parteċipanti oħra tas-CERN. L-għan hu li l-Ewropa tibqa' fuq quddiem nett fir-riċerka dwar il-fiżika tal-partikoli. Il-finanzjament (sa 20 % tal-kost ġenerali) jista' jingħata minn Orizzont Ewropa.

- L-iżvilupp ta' Avjazzjoni Għaqlija u Nadifa u tmexxija Ewropea fil-ġenerazzjoni li jmiss tal-inġenji tal-ajru ħielsa mis-$CO_2$ u l-ġestjoni awtomatika tat-traffiku tal-ajru: Dan ikun jeħtieġ sħubija mal-industrija, flimkien ma' kapaċità xjentifika u ta' inġinerija b'saħħitha, appoġġata minn Orizzont Ewropa, iżda wkoll komponent qawwi ta' użu industrijali mill-Fond għall-Kompetittività.

- Il-bini tal-kompjuter kwantistiku għall-futur: l-Ewropa ssir l-ewwel kontinent b'computing kwantistiku integrat għalkollox fil-ħajja ta' kuljum, b'applikazzjonijiet f'oqsma mill-mediċina personalizzata sal-immudellar tal-klima, u b'soluzzjonijiet għal problemi li qabel kienu impossibbli għal 450 miljun ċittadin.

- L-iżvilupp u l-applikazzjoni tal-IA tal-ġenerazzjoni li jmiss fid-dinja. Dan se jiġi żviluppat minn, ma' u għax-xjenzati u l-industriji Ewropej, filwaqt li jattira (u jżomm) fl-Ewropa l-aqwa mħuħ dinjin. L-IA tal-ġenerazzjoni li jmiss tiftaħ opportunitajiet xjentifiċi u ekonomiċi ferm lil hinn mill-mewġa attwali tal-IA, u tpoġġi lill-Ewropa proprju fuq quddiem nett.

- Il-kisba tas-sovranità kritika tad-data tar-riċerka fl-Ewropa: l-Ewropa ssir l-aktar post fdat fid-dinja għal data kritika għar-riċerka, u b'hekk ir-riċerkaturi, l-universitajiet u l-kumpaniji Ewropej jiksbu vantaġġ kompetittiv bla paragun biex jingħelbu sfidi dinjin urġenti, mit-tibdil fil-klima sal-pandemiji.

- L-iżvilupp ta' trasport u mobbiltà awtomatizzati fl-Ewropa: itejjeb is-sikurezza tat-trasport, l-effiċjenza tal-fluss tat-traffiku, inaqqas l-emissjonijiet, u jippermetti trasport aktar inklużiv.

- L-investiment f'terapiji innovattivi għar-riġenerazzjoni tal-bniedem għal ħajjiet aktar sani u ekonomija aktar b'saħħitha: jikkapitalizza fuq l-eċċellenza fir-riċerka u l-għarfien espert tal-Ewropa fit-terapiji riġenerattivi u jsaħħaħ b'mod sostanzjali l-industrija tas-saħħa tal-Ewropa, filwaqt li jpoġġiha f'pożizzjoni ewlenija biex tipprovdi terapiji innovattivi. Dawn it-terapiji għandhom il-potenzjal li jindirizzaw mard li s'issa għadu bla kura.

- It-tisħiħ tat-tranżizzjoni ekoloġika bl-enerġija mill-fużjoni nukleari: l-ewwel impjant kummerċjali tal-enerġija mill-fużjoni nukleari, li kapaċi jiġġenera elettriku sikur, konsistenti u affidabbli biex jagħti l-enerġija lid-djar, lin-negozji, u lill-industriji intensivi fl-enerġija li ma nistgħux ngħaddu mingħajrhom. Jingħelbu l-isfidi xjentifiċi, tal-inġinerija u teknoloġiċi meħtieġa għal "Ewropa li tkun l-ewwel li tpoġġi l-Fużjoni fuq il-grilja sal-2034".

- Nagħmlu l-Qamar aċċessibbli għall-Ewropej: biex l-Ewropa tikseb l-ewwel post fl-ekonomija spazjali, din jeħtieġ tiżviluppa l-ġenerazzjoni li jmiss tat-trasport u l-loġistika spazjali li tkun kapaċi tibgħat u ġġib lura tagħbijiet tal-merkanzija massivi kif ukoll robotika spazjali avvanzata biex tippermetti l-esplorazzjoni u l-użu tar-riżorsi spazjali sal-2040.

- Lejn tniġġis żero fl-ilma tal-UE: ir-reżiljenza tal-ilma titlob li tinbena ekonomija verament għaqlija fl-użu tal-ilma li tiżgura ilma u sanità suffiċjenti, nodfa u affordabbli għal kulħadd f'kull ħin, inkluż waqt kriżijiet u kundizzjonijiet klimatiċi estremi. Dan jirrikjedi l-istimulazzjoni ta' innovazzjoni rivoluzzjonarja, l-adozzjoni mis-suq u l-adozzjoni mill-utenti finali fuq skala kbira ta', pereżempju, teknoloġiji avvanzati tat-trattament tal-ilma li jneħħu sustanzi niġġiesa dannużi, effiċjenza fl-użu tal-ilma, teknoloġiji għall-użu mill-ġdid jew is-sostituzzjoni sostenibbli tal-ilma, kif ukoll soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u t-teknoloġiji tad-desalinizzazzjoni, biex ikun żgurat ilma suffiċjenti u nadif għall-użu industrijali u domestiku, biex jiġu

protetti u restawrati l-kwalità tajba tal-ilma u d-disponibbiltà għall-ekosistemi, u tissaħħaħ il-kompetittività tal-industrija tal-UE.

- Il-ftuħ ta' kapitlu ġdid fl-iskoperta u l-esplorazzjoni tal-ispazju intern tal-pjaneta tagħna permezz tal-iżvilupp, il-konnessjoni, it-tmexxija u l-iżgurar tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' teknoloġiji u kapaċitajiet Ewropej ta' osservazzjoni tal-oċeani: mill-ispazju u fl-ajru, għal bċejjeċ tal-wiċċ, bastimenti u vetturi u droni ta' taħt l-ilma. L-Ewropa teħtieġ awtonomija strateġika fl-infrastruttura tal-osservazzjoni tal-oċeani, fis-servizzi tad-data u tal-informazzjoni kollha biex issaħħaħ it-tmexxija tagħha fil-politiki dwar l-oċeani: mill-protezzjoni u r-restawr tas-saħħa tal-oċeani u t-tisħiħ tal-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-ekonomija blu tagħha sat-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża marittima kif ukoll it-tisħiħ tad-diplomazija tal-UE dwar l-oċeani.

B'koordinazzjoni mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, l-azzjonijiet tal-Programm se jintużaw biex jindirizzaw il-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, b'mod proporzjonat, mingħajr ma jidduplikaw jew jeskludu l-finanzjament privat, u b'mod li jiksbu valur miżjud Ewropew ċar. Dan ikollu l-għan li jiżgura l-konsistenza bejn l-azzjonijiet tal-Programm u r-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat, b'mod li jevita d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern.
Il-proposta hi konsistenti għalkollox ukoll mal-approċċ imħaddem fil-proċess tas-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika b'appoġġ għar-riformi strutturali biex jittejbu l-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi nazzjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni fi tliet livelli: l-ewwe, b'investiment sostanzjali fir-riċerka xjentifika u teknoloġika u l-innovazzjoni; it-tieni, billi jissawwar ambjent kummerċjali aktar favorevoli għall-innovazzjoni u inqas avvers għar-riskji; u t-tielet, billi jiġi żgurat li ċ-ċittadini Ewropej jiġu appoġġati tul tranżizzjoni, li għal uħud se tkun veloċi u għal oħrajn se tkun diffiċli, xprunata mill-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-megatendenzi globali bħall-intelliġenza artifiċjali u l-ekonomija ċirkolari.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

"Orizzont Ewropa" huwa bbażat fuq it-Titoli tat-TFUE "Industrija" u "Riċerka u żvilupp teknoloġiku u spazju" (l-Artikoli 173(3) 182(1), 183 u 188, it-tieni subparagrafu) kif ukoll l-Artikolu 322(1), il-punt (a).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-Unjoni għandha kompetenza kondiviża (parallela) f'dan il-qasam abbażi tal-Artikolu 4(3) tat-TFUE. L-ewwel nett, billi jsaħħaħ il-kollaborazzjoni u l-integrazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati u l-fruntieri, il-finanzjament tal-UE jxejjen l-ostakli nazzjonali u joħloq massa kritika biex jingħelbu ċerti sfidi komuni. It-tieni, billi tindirizza l-fallimenti tas-suq u l-kundizzjonijiet tal-investiment subottimali u tiġġenera impatt ekonomiku, l-UE ssaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika, tingrana l-fondi privati, tattira l-kapital, tixpruna l-produttività madwar l-UE, u tappoġġa l-proġetti ta' benefiċċju ekonomiku li mod ieħor jaf ma jirnexxux. Tappoġġa l-kompetizzjoni fl-UE kollha, biex ikunu jistgħu jingħażlu l-aqwa ideat xjentifiċi u l-aktar innovattivi minn madwar l-UE kollha. It-tielet, billi ssaħħaħ id-direzzjonalità tal-investiment u l-akkomunament tar-riżorsi, l-UE tista' tindirizza aħjar l-isfidi tal-UE kollha u tippromwovi prijoritajiet komuni fosthom it-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.
Dan l-approċċ fil-livell tal-UE jappoġġa innovazzjonijiet rivoluzzjonarji u għanijiet strateġiċi, filwaqt li jegħleb il-limitazzjonijiet tal-koordinazzjoni li hemm fl-Istati Membri. Pereżempju,

xi simulazzjonijiet ex post jistmaw li, mingħajr finanzjament tal-UE għar-riċerka u l-infrastrutturi għal għexieren ta' snin, l-innovazzjonijiet essenzjali, bħall-vaċċini kontra l-COVID-19 ibbażati fuq l-mRNA, kienu jittardjaw b'xhur, u dan ifixkel ir-rilaxx malajr tant importanti fis-suq u sussegwentement il-benefiċċji għas-soċjetà.

- **Proporzjonalità**

L-azzjonijiet fil-livell tal-Unjoni se jippermettu kollaborazzjoni transnazzjonali u kompetizzjoni dinjija li jiżguraw li jintgħażlu l-aħjar proposti. Dan jgħolli l-livelli tal-eċċellenza u jipprovdi viżibilità lir-R&I pijuniera, u fl-istess waqt jappoġġa wkoll il-mobbiltà transnazzjonali u jattira l-aqwa talenti dinjin. Programm fil-livell tal-Unjoni jinsab fl-aqwa pożizzjoni biex jippromwovi R&I ta' riskju kbir u fit-tul, għax b'hekk jinqasam ir-riskju u tinkiseb firxa wiesgħa ta' lħuq u ekonomiji ta' skala li mod ieħor ma jistgħux jinkisbu. Se ssir ħidma biex isiru rabtiet ma' inizjattivi nazzjonali, b'mod partikolari fil-qasam tal-innovazzjoni.
B'hekk ikunu jistgħu jitħeġġu investimenti pubbliċi u privati addizzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni; jingħata kontribut biex ikompli jissaħħaħ l-ambjent Ewropew tar-R&I; u jitħaffu l-kummerċjalizzazzjoni u t-tixrid tal-innovazzjoni. Il-programmi fil-livell tal-Unjoni jistgħu ukoll jappoġġaw it-tfassil tal-politika u l-objettivi ta' politika.
L-azzjonijiet proposti ma jmorrux lil hinn minn dak meħtieġ għall-objettivi tal-Unjoni.

- **Għażla tal-istrument**

Ir-riċerka u l-innovazzjoni, minħabba n-natura fit-tul u minn isfel għal fuq tagħhom, jeħtieġu Programm awtonomu indipendenti, integrat u prevedibbli, li jiżgura l-kundizzjonijiet it-tajba għall-elevar ta' ideat ġodda u t-tqegħid tagħhom fis-suq. Biex ikunu possibbli soluzzjonijiet rivoluzzjonarji, hu imperattiv li r-riċerka u l-innovazzjoni jinżammu indipendenti u li jkun hemm kontinwità fil-finanzjament. Għaldaqstant, filwaqt li hu marbut mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, "Orizzont Ewropa" żamm il-bażi legali indipendenti tiegħu meħtieġa skont l-Artikolu 182 tat-TFUE u l-marka u r-reputazzjoni internazzjonali pożittiva tiegħu, u baqa' jibni fuq is-suċċess ippruvat fit-tul tiegħu bħala qafas affidabbli għall-eċċellenza, il-kollaborazzjoni u l-impatt.
L-att legali joħloq drittijiet u obbligi għall-benefiċjarji, vinkolanti fl-intier tagħhom u applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni u fil-pajjiżi assoċjati mal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET RETROSPETTIVI, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet retrospettivi/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-evalwazzjonijiet retrospettivi u l-kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti huma essenzjali biex ikun żgurat li l-Programm Qafas tar-R&I li jmiss jibni fuq is-suċċessi u l-fallimenti tal-passat. Billi jivvalutaw l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-miżuri tal-passat, dawn ir-rieżamijiet jipprovdu evidenza kritika għal tfassil aħjar tal-politika, inqas piżijiet regolatorji bla bżonn, u biex l-istrumenti tal-finanzjament jiġu allinjati mal-ħtiġijiet xjentifiċi, teknoloġiċi u soċjetali li qed jevolvu. Dawn jikkontribwixxu għal ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni aktar reattiva, li tħalli impatt, u li tkun lesta għall-futur.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fil-qafas tat-tħejjija għall-QFP li jmiss li jibda fl-2028, il-Kummissjoni Ewropea wettqet konsultazzjoni pubblika biex tiġbor il-fehmiet dwar il-finanzjament tal-UE għall-kompetittività.

Il-konsultazzjoni pubblika, li saret mit-12 ta' Frar sas-7 ta' Mejju 2025, ġabret 2,034 tweġiba għall-istħarriġ u 462 dokument ta' pożizzjoni, b'parteċipazzjoni qawwija miċ-ċittadini tal-UE (26 %), mill-akkademja (22 %), u mill-awtoritajiet pubbliċi (13 %), flimkien man-negozji, l-NGOs, u networks oħra tal-partijiet ikkonċernati.

Ħafna mir-rispondenti b'esperjenza f'Orizzont Ewropa esprimew fehmiet pożittivi dwar il-proċess tal-finanzjament, mill-identifikazzjoni tal-opportunitajiet tal-finanzjament sar-rilevanza u ċ-ċarezza tas-sejħiet. Iżda dawn immarkaw li l-proċedura tal-applikazzjoni u l-iskeda taż-żmien ġenerali huma dgħjufijiet ewlenin, u saħqu fuq il-ħtieġa ta' simplifikazzjoni, ċarezza u koerenza aħjar biex tissaħħaħ l-aċċessibbiltà, speċjalment għall-SMEs u l-parteċipanti ġodda. Ir-rispondenti għarfu li l-frammentazzjoni fl-appoġġ tul il-perkors tal-investiment hi ostaklu għall-kompetittività, b'mod partikolari fir-rigward tan-nuqqas ta' investiment biżżejjed fir-riċerka u l-innovazzjoni.

Apparti l-konsultazzjoni pubblika, sar tixrid tal-għarfien fost gruppi ewlenin ta' partijiet ikkonċernati fl-industrija, fir-riċerka, u fl-innovazzjoni. Il-partijiet ikkonċernati fir-riċerka u l-innovazzjoni kienu involuti b'mod attiv fit-tfassil tad-dibattitu dwar ir-rwol futur tar-R&I fil-kompetittività tal-UE, b'mod partikolari wara t-tnedija tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni f'Lulju 2024 u l-Boxxla għall-Kompetittività fi Frar 2025.

- **Għarfien espert estern**

Din l-inizjattiva tibni fuq tliet rapporti esterni ewlenin: ir-rapport ta' Mario Draghi dwar il-kompetittività tal-UE, ta' Enrico Letta dwar il-futur tas-suq uniku, u tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni interim ta' Orizzont Ewropa.

It-tliet rapporti lkoll jikkonverġu fil-messaġġ ewlieni tagħhom: **l-Ewropa trid tkun innovattiva, adattabbli u mexxejja** ħalli tissalvagwardja l-kompetittività, il-prosperità, is-sostenibbiltà u s-sigurtà tagħha. L-analiżi kkombinata tagħhom tifrex pedament analitiku u politiku b'saħħtu għall-Programm Qafas tar-R&I propost u l-orjentazzjoni strateġika usa' tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta hija appoġġata b'valutazzjoni tal-impatt komprensiva għall-Fond Ewropew għall-Kompetittività, li kien fih 14-il programm li jikkontribwixxu għall-Kompetittività tal-UE.

Skont il-Linji Gwida Politiċi tal-Kummissjoni, il-QFP li jmiss għandu l-għan li jkun aktar iffokat, aktar sempliċi u li jħalli impatt akbar. Għalhekk, l-arkitettura tal-QFP il-ġdid se tkun differenti ferm mill-istruttura attwali. Minħabba dan il-każ speċjali ta' tħejjija ta' QFP ġdid, il-valutazzjoni tal-impatt kellha diversi elementi ewlenin neqsin. Għalhekk, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ddeċieda, b'mod eċċezzjonali, li joħroġ Opinjoni mingħajr kwalifika.

Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju nnota li r-rapport kien fih nuqqasijiet sinifikanti, fosthom fejn jidħlu l-kamp ta' applikazzjoni, il-governanza, u l-koerenza ma' parti oħra tal-QFP. Dawn in-nuqqasijiet ġew indirizzati kemm fil-proposti leġiżlattivi tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività kif ukoll f'dawk ta' Orizzont Ewropa.

Bi qbil mal-ħtieġa ta' "sempliċità u flessibbiltà, ħeffa u fokus strateġiku" stabbiliti fil-Linji Gwida Politiċi, il-valutazzjoni tal-impatt ivvalutat tliet għażliet alternattivi li jaffettwaw l-

arkitettura tal-finanzjament tal-UE; dawn ivarjaw mill-kontinwazzjoni tal-14-il programm relatat mal-kompetittività, sal-konsolidazzjoni tagħhom f'Fond għall-Kompetittività:

A. Żamma tal-istatus quo plus: koordinazzjoni ħafifa.

B. Koordinazzjoni msaħħa bejn il-programmi eżistenti (ġabra unika tar-regoli).

C. Konsolidazzjoni tal-programmi f'Fond Ewropew għall-Kompetittività ġdid f'att wieħed jew żewġ atti singoli.

Il-konsolidazzjoni tal-programmi f'żewġ atti singoli, kif previst fl-Għażla C, tqieset bħala l-aħjar għażla ta' politika li żżomm il-marka "Orizzont Ewropa" filwaqt li tikkontribwixxi bis-sħiħ għall-objettivi tal-Fond għall-Kompetittività bis-saħħa tal-integrazzjoni mil-lat ta' objettivi, struttura, governanza u regoli taż-żewġ atti. Fl-istess ħin, din tipprevedi programm qafas awtonomu tar-R&I li jissalvagwardja l-integrità tar-riċerka u l-innovazzjoni u r-rekwiżiti tal-Artikolu 182 tat-TFUE. Din il-pożizzjoni ttenniet mill-Parlament Ewropew, mill-Istati Membri u mill-pajjiżi terzi assoċjati bħalissa ma' Orizzont Ewropa.

- **Simplifikazzjoni**

Is-simplifikazzjoni hija **prijorità ġenerali** tal-Kummissjoni maħsuba biex tnaqqas il-piż u l-kumplessità żejda u tiffavorixxi l-ħeffa u l-flessibbiltà.
Peress li dan hu l-akbar programm tal-Unjoni implimentat b'ġestjoni diretta, il-Programm Qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni hu mira ovvja għas-simplifikazzjoni. Is-simplifikazzjoni għall-benefiċjarji se tinkiseb, fost l-oħrajn, bi:

- **Tnaqqis fit-tul tal-programm ta' ħidma bi programmazzjoni inqas preskrittiva:** tnaqqis fl-għadd ġenerali ta' suġġetti, tqassir tad-deskrizzjonijiet tas-suġġetti, u minimizzazzjoni tas-suġġetti bi proġett wieħed.
- **Suġġetti miftuħa b'mod awtomatiku:** inqas preskrittiv b'aktar libertà għall-applikanti fejn jidħlu l-perkorsi differenti lejn l-eżiti mistennija.
- **Kontinwità u iżjed simplifikazzjoni tal-ambjent tal-finanzjament:** Mhu se ssir l-ebda distinzjoni bejn l-Azzjonijiet tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (RIA) u l-Azzjonijiet tal-Innovazzjoni (IA) iżda rata tal-finanzjament waħda sa 100 %, ħlief għall-entitajiet bi skop ta' qligħ li mhumiex SMEs, b'rata tal-finanzjament sa 70 %. Ir-rati tal-finanzjament se jkunu l-massimu li jista' jitnaqqas meta ġġustifikat għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi.
- **Aktar użu ta' għażliet ta' kostijiet simplifikati:** Filwaqt li jibni fuq l-esperjenza miksuba bil-proġetti pilota ta' somma f'daqqa tul Orizzont 2020 u l-applikazzjoni usa' tagħhom f'Orizzont Ewropa, il-finanzjament b'somma f'daqqa se jsir il-forma awtomatika tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, sakemm ma jkunx previst mod ieħor. Se jintużaw forom ta' kost simplifikati oħra, inkluż kostijiet unitarji tal-persunal. Dawn il-miżuri ta' simplifikazzjoni huma maħsuba biex irawmu parteċipazzjoni usa', b'mod partikolari minn parteċipanti ġodda u entitajiet iżgħar, u fl-istess waqt jiżguraw il-kontrolli u l-ġestjoni finanzjarji tajbin.

Flimkien mal-isforz tas-simplifikazzjoni bla preċedent, se tinkiseb **implimentazzjoni aktar malajr** ta' Orizzont Ewropa bi tnaqqis fiż-żmien massimu għall-għotja għal 7 xhur, li hu wieħed mill-iqsar żmien għall-għoti tal-programmi tal-UE u xahrejn aktar malajr miż-żmien massimu għall-għoti stabbilit fir-Regolament Finanzjarju.
L-impenn tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jiddefendu l-prinċipju tas-simplifikazzjoni fil-proċedura leġiżlattiva ordinarja se jkun kruċjali.

- **Drittijiet fundamentali**

Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u konvenzjonijiet internazzjonali oħra dwar id-drittijiet tal-bniedem li l-Istati Membri u l-Unjoni huma parti għalihom.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-baġit tal-proposti kollha qed jiġi ppreżentat bil-prezzijiet kurrenti. Abbażi ta' analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji, il-Kummissjoni tista' tkompli tuża aġenziji eżekuttivi biex timplimenta Orizzont Ewropa.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Din l-inizjattiva se tiġi monitorjata bil-qafas għall-prestazzjoni għall-baġit ta' wara l-2027, kopert fi proposta separata. Il-qafas għall-prestazzjoni jipprevedi rapport tal-implimentazzjoni waqt il-fażi tal-implimentazzjoni tal-programm, kif ukoll evalwazzjoni retrospettiva li trid issir f'konformità mal-Artikolu 34(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. L-evalwazzjoni għandha ssir f'konformità mal-Linji Gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar u se tkun ibbażata fuq indikaturi rilevanti għall-objettivi tal-Programm.

- **Kwistjonijiet orizzontali oħra li japplikaw għall-proposta**

**Il-prinċipji tal-Programm:** il-Programm se jiżgura l-promozzjoni effettiva tal-valuri u l-prinċipji taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, b'mod partikolari l-etika u l-integrità fir-riċerka u l-innovazzjoni, il-libertà tar-riċerka xjentifika, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs, ix-xjenza miftuħa u l-promozzjoni ta' karrieri attraenti fir-riċerka u l-mobbiltà.
Il-**kooperazzjoni internazzjonali** se tkompli tissaħħaħ biex din tikkontribwixxi għall-kompetittività u l-eċċellenza tal-Unjoni fir-R&I u se tibbilanċja r-riskjiu u l-benefiċċji fil-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u entitajiet ta' pajjiżi terzi.
**Valorizzazzjoni u disseminazzjoni:** Fid-dawl tat-tisħiħ tal-kompetittività tal-Unjoni u f'konformità mal-istrateġija tal-valorizzazzjoni tal-Kummissjoni, se jiġu stabbiliti strumenti u għodod ta' appoġġ apposta biex jiffaċilitaw u jħaffu l-proċess tal-valorizzazzjoni u jiżguraw li r-riżultati tar-riċerka jissarrfu f'applikazzjonijiet għad-dinja reali. Dan ifisser trasformazzjoni tal-investiment pubbliku fir-R&I f'opportunitajiet ġodda tas-suq, u valur tanġibbli għas-soċjetà u l-industrija.
**Allinjament tad-direzzjoni strateġika** mal-Fond għall-Kompetittività u l-Għodda għall-Koordinazzjoni tal-Kompetittività.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Orizzont Ewropa jibni fuq il-legat ta' iżjed minn 40 sena ta' investimenti tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni. Dan tfassal biex jippromwovi x-xjenza, iħares il-valuri ewlenin tal-indipendenza u l-ftuħ, itejjeb il-bażi tal-għarfien eċċellenti tal-Ewropa u jixpruna l-

kompetittività tal-UE. L-arkitettura tiegħu tfasslet b'modi biex tissaħħaħ il-koerenza u l-prestazzjoni.
Qed jiġi propost l-użu ta' struttura b'erba' pilastri.

- **Il-Pilastru I "Xjenza Eċċellenti"** għandu l-għan li jsaħħaħ il-bażi xjentifika tal-UE, jattira l-aqwa talent, jippromwovi riċerka eċċellenti fl-Ewropa u jipprovdi l-aħjar xjenza għall-politiki tal-UE. L-eċċellenza fir-riċerka u l-mobbiltà huma fil-qalba tal-ambizzjoni tal-Ewropa li tkun l-aħjar post fid-dinja fejn issir ir-riċerka: "Agħżel l-Ewropa". F'dan l-isfond, dan il-pilastru jinkludi:
  - Lill-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC, European Research Council): L-ERC se jiġi estiż biex iżid l-abbiltà tiegħu li jappoġġa r-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien, b'enfasi fuq il-finanzjament ta' riċerkaturi eċċellenti u t-timijiet tagħhom.
  - L-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA): L-MSCA se jkomplu jappoġġaw t-taħriġ fir-riċerka u l-iżvilupp tal-karrieri.
  - Ix-xjenza għall-politiki tal-UE: azzjonijiet diretti mhux nukleari taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC).
- **Il-Pilastru II "Kompetittività u Soċjetà"** għandu l-għan li jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi f'oqsma b'impatt soċjetali qawwi, b'enfasi fuq li jingħelbu l-isfidi soċjetali globali u li tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE. Dan il-pilastru se jkun simili għall-istruttura tal-oqsma tal-interventi fil-Fond Ewropew għall-Kompetittività u l-erba' twieqi ta' politika tiegħu. Dan se jiżgura appoġġ koerenti tul il-perkors kollu tal-investiment. Barra minn hekk, tieqa ta' politika speċifika tal-programm Orizzont Ewropa l-ġdid se tindirizza r-riċerka minn isfel għal fuq, b'mod partikolari fl-oqsma tal-isfidi soċjetali globali bħall-migrazzjoni, id-diżinformazzjoni, u s-salvagwardja, it-tisħiħ u l-promozzjoni tad-demokrazija, kif ukoll it-trasformazzjonijiet soċjali u ekonomiċi, is-soċjetajiet inklużivi u l-koeżjoni soċjali. Il-programmazzjoni strateġika tar-riċerka kollaborattiva se tkun infurmata minn kapaċità tal-valutazzjoni interna, l-"Osservatorju tat-teknoloġiji emerġenti", imsemmi fir-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività][1]. Is-sħubijiet se jibqgħu strument ewlieni tal-Programm u se jaħdmu b'sinerġija mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività skont il-proċessi ta' tmexxija rilevanti. Qed jiġu proposti simplifikazzjoni u razzjonalizzazzjoni mill-qiegħ tal-operazzjonijiet u l-organizzazzjoni tagħhom. Is-sħubijiet jistgħu jieħdu diversi forom: pubbliċi-pubbliċi-privati, sa pubbliċi-pubbliċi jew pubbliċi-privati.
- **Il-Pilastru III "Innovazzjoni"** għandu l-għan li jappoġġa l-innovazzjoni fl-Ewropa, b'enfasi fuq il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' prodotti, servizzi u mudelli ġodda tan-negozju. Dan il-pilastru jinkludi:
  - Lill-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council): L-EIC se jappoġġa lil negozji ġodda innovattivi, SMEs, b'enfasi fuq il-promozzjoni tal-intraprenditorija u l-innovazzjoni rivoluzzjonarji. Dan se jiġi estiż b'dan li ġej:
    - Aktar elementi tal-"ARPA" (għajnuna għal ipplottjar awtomatiku bir-radar) fl-operazzjonijiet tiegħu, u proġetti ta' riskju kbir jiġu appoġġati b'diversi stadji, jew inkella jitwaqqfu, abbażi tal-potenzjal tagħhom li jiksbu soluzzjonijiet rivoluzzjonarji kif ivvalutat mill-Maniġers tal-

[1] ĠU C , , p.

Programm esperti. Dan se jkompli jiżviluppa perkorsi mill-ERC jew proġetti ta' riċerka kollaborattiva fl-EIC biex jikkummerċjalizza u jespandi t-teknoloġiji rivoluzzjonarji aktar malajr.

- Approċċ "DARPA" (Aġenzija għall-Proġetti tar-Riċerka Avvanzata fid-Difiża) apposta biex jappoġġa lin-negozji ġodda b'użu doppju u tad-difiża u l-espansjoni tagħhom li joperaw b'komplementarjetà sħiħa mal-Istrument InvestEU tal-FEKu mal-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Difiża (EUDIS) u l-attivitajiet CASSINI (Inizjattiva tal-intraprenditorija spazjali).
- Dan l-approċċ se jipprovdi opportunità bla preċedent biex jiġu appoġġati negozji tat-teknoloġija b'użu doppju, li huma ġodda jew li qed jespandu, inkluż dawk meqjusa strateġiċi u kritiċi għall-interessi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, li jeħtieġu appoġġ dirett immirat u li ma jistgħux jaċċessaw biżżejjed kapital mis-suq.
- Sinerġija u koordinazzjoni mill-qrib mat-twieqi ta' politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività fir-rigward tad-definizzjoni ta' "Sfidi".
- Il-finanzjament eżistenti għall-espansjoni tat-teknoloġija profonda mill-Fond Scaleup Europe imħabbar fl-Istrateġija għan-Negozji li qed jespandu se jsir skont it-termini miftiehma fil-QFP attwali. Il-finanzjament tal-espansjoni futur kollu se jsir mill-FEK.

– Ekosistemi tal-Innovazzjoni, inkluż Attivitajiet li jrawmu l-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien: l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u n-negozju, madwar l-Unjoni.

Se tiġi prevista kooperazzjoni mill-qrib bejn ir-riċerka kollaborattiva skont il-Pilastru II u l-appoġġ għan-negozji ġodda u dawk li qed jespandu skont il-Pilastru III biex tissaħħaħ in-naħa tad-domanda għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu billi dawn jintrabtu mal-korporattivi l-kbar fl-Ewropa u billi jiġu ffaċilitati miżuri innovattivi tal-akkwist pubbliku fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali.

- **Il-Pilastru IV "Żona Ewropea tar-Riċerka"** għandu l-għan li jappoġġa l-iżvilupp ta' Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) magħquda, b'enfasi fuq il-promozzjoni tal-eċċellenza, l-inklużività u l-impatt. Dan il-pilastru jinkludi:
  – Il-Politika taż-ŻER: Dan il-komponent se jappoġġa l-iżvilupp tal-politika taż-ŻER, b'enfasi fuq il-promozzjoni tal-eċċellenza, l-inklużività u l-impatt.
  – L-Infrastrutturi tar-Riċerka u t-Teknoloġija: Dan il-komponent se jappoġġa l-iżvilupp u t-tħaddim tal-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija, u għall-ewwel darba jinkludi appoġġ għan-nefqa kapitali.
  – It-Twessigħ tal-Parteċipazzjoni u t-Tixrid tal-Eċċellenza: Dan il-komponent se jappoġġa l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni fir-reġjuni kollha tal-Ewropa.

2025/0543 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont Ewropa, għall-perjodu 2028-2034, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/695**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 173(3), 182(1), 183, 188, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 322(1), il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[3],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri (1),

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Hu objettiv tal-Unjoni li ssaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha billi ssaħħaħ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) ħalli r-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament u billi tħeġġeġ l-iżvilupp tal-kompetittività tagħha, inkluż fl-industrija tagħha, filwaqt li tippromwovi l-attivitajiet kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) biex jinkisbu l-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, li fl-aħħar mill-aħħar huma maħsuba biex iseddqu l-paċi, il-valuri tal-Unjoni u l-ġid tal-popli tagħha.

(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ il-kompetittività, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà, it-tmexxija teknoloġika, u l-koeżjoni soċjali.

(3) Il-Programm jenħtieġ li jkun marbut mill-qrib mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività][4] billi jqiegħed ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qalba tal-istrateġija tal-ekonomija u tal-investiment tal-Unjoni.

[2] ĠU C , , p. .
[3] ĠU C , , p. .
[4] ĠU C , , p.

(4) Barra minn hekk, l-Unjoni jenħtieġ li tipprova xxejjen l-inugwaljanzi, u tippromwovi l-ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa, u li tiġġieled id-diskriminazzjoni f'konformità mal-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq tal-Unjoni tiegħu li jkunu aktar flessibbli. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit.

(6) Ir-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni tal-Programm tfasslu b'mod biex jissimplifikaw aktar l-aċċess, itejbu l-ftuħ, u jimmassimizzaw l-impatt tal-finanzjament tal-Unjoni.

(7) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għal aktar investiment pubbliku u privat fir-R&I fl-Istati Membri, u b'hekk jgħin biex tintlaħaq il-mira tal-investiment ġenerali ta' mqar 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-Unjoni fir-riċerka u l-iżvilupp. L-investiment tal-Istati Membri fir-R&I jenħtieġ li jiġi vvalutat bl-għajnuna tal-qafas għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, baġitarji, tal-impjiegi u soċjali fl-Unjoni – il-proċess tas-Semestru Ewropew. Biex tintlaħaq dik il-mira, l-Istati Membri u s-settur privat jenħtieġ li jikkomplementaw il-Programm bl-azzjonijiet imsaħħin tal-investiment tagħhom stess fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. L-Unjoni għamlet progress kostanti fiż-żieda tal-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp iżda għadha lura meta mqabbla ma' mexxejja dinjin oħrajn. Il-mira ta' 3 % imsemmija hawn fuq, stabbilita aktar minn għoxrin sena ilu, tagħraf l-importanza tar-riċerka u l-iżvilupp bħala pedament għal soċjetà bbażata fuq l-għarfien. Filwaqt li l-mira ħeġġet lil diversi Stati Membri jistabbilixxu l-miri tal-intensità tagħhom stess fir-riċerka u l-iżvilupp, għad hemm disparitajiet ġmielhom għax ftit huma l-Istati Membri li laħqu jew qabżu l-ambizzjoni tal-investiment tagħhom.

(8) Bħal f'Orizzont Ewropa, id-definizzjonijiet tal-OECD fir-rigward tal-livelli ta' tħejjija teknoloġika (TRLs) jenħtieġ li jibqgħu jitqiesu fil-klassifikazzjoni tar-riċerka teknoloġika, fl-iżvilupp tal-prodotti u fl-attivitajiet ta' dimostrazzjoni, u fid-definizzjoni ta' tipi ta' azzjoni disponibbli fis-sejħiet għall-proposti. Jenħtieġ li ma jingħatawx għotjiet għal azzjonijiet meta l-attivitajiet ikunu jaqbżu t-TRL 8. Jenħtieġ li jkun possibbli li l-programm ta' ħidma jippermetti għotjiet għal validazzjoni tal-prodotti fuq skala kbira u replikazzjoni tas-suq għal sejħa partikolari skont il-parti "Kompetittività u Soċjetà".

(9) Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu implimentati partijiet mill-baġit bi Sħubijiet Ewropej flimkien ma' entitajiet pubbliċi u privati oħrajn, meta din tkun l-aktar forma ta' implimentazzjoni effettiva biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti Sħubijiet Ewropej meta jkun meħtieġ involviment mill-qrib tal-Unjoni u jenħtieġ li dawn jiżguraw drittijiet tal-vot xierqa lill-Unjoni kif ukoll koinvestiment suffiċjenti minn sħab oħrajn biex jiġi ingranat il-finanzjament tal-Unjoni. Biex jitrawmu sinerġiji u effiċjenzi, jeħtieġ ikunu żgurati regoli armonizzati. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit portafoll strateġiku u koerenti ta' għadd limitat ta' Sħubijiet Ewropej.

(10) Is-sħubijiet Ewropej, inkluż fil-forma ta' Impriżi Konġunti, bħala għodda essenzjali biex jitwettqu l-involvimenti u l-investimenti industrijali fir-riċerka u l-innovazzjoni

kollaborattivi, jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi ta' politika tat-twieqi tal-politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, u se jiġu appoġġati permezz tiegħu, meta meħtieġ, biex jintlaħqu dawn l-objettivi.

(11) Il-missjonijiet tal-UE kif stabbiliti fir-Regolament 2021/695 jenħtieġ li jippermettu impatt trasformattiv u sistemiku għas-soċjetà, billi jrawmu kollaborazzjoni transdixxiplinari, transsettorjali, transpolitika u transfruntiera. Jenħtieġ li dawn ikunu jiddependu fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiżviluppaw it-teknoloġiji, is-servizzi, il-prodotti u l-innovazzjonijiet soċjali trasformattivi meħtieġa biex jilħqu l-objettivi ambizzjużi tagħhom. Min-naħa tagħhom, il-Missjonijiet tal-UE jenħtieġ li jħaffu l-iżvilupp, l-iskalar u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi u jgħinu fil-ħolqien ta' swieq ewlenin għal prodotti u servizzi ġodda. Il-Programm Qafas jenħtieġ li jiffinanzja l-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Missjonijiet, filwaqt li l-adozzjoni u l-espansjoni jenħtieġ li jitwettqu bi programmi oħra tal-UE u finanzjament nazzjonali.

(12) Imsejsa fuq il-Pjan Strateġiku ta' Orizzont Ewropa 2025-2027[5], il-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB) hija għodda ta' finanzjament pluriennali mfassla biex tħaffef it-trasformazzjoni tal-viċinati b'disinn sostenibbli u inklużiv. Il-komponent tar-R&I jenħtieġ li jiġi ffinanzjat minn Orizzont Ewropa filwaqt li l-komponent tal-introduzzjoni jenħtieġ li jitwettaq minn programmi oħra tal-UE u finanzjament nazzjonali.

(13) Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC, European Research Council) jenħtieġ li jipprovdi finanzjament attraenti u flessibbli, biex b'hekk jippermetti riċerkaturi individwali kreattivi u b'talent – b'enfasi deliberata fuq it-trawwim ta' riċerkaturi minn stadju bikri – biex jaqbdu l-aktar toroq promettenti fil-fruntiera tax-xjenza. Dan l-impenn għal riċerka mmexxija mill-investigaturi magħżula b'kompetizzjoni mal-Unjoni kollha, ibbażata biss fuq il-kriterju tal-eċċellenza u miftuħa għat-talent irrispettivament min-nazzjonalità jew l-oriġini, hu fundamentali biex jiġu attirati l-aqwa mħuħ fid-dinja u biex l-Ewropa tiġi stabbilita aktar bħala ċentru ewlieni fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni.

(14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment. L-investiment strateġiku f'riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex jiġu sostnuti l-innovazzjoni, ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tas-soċjetà. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-objettiv. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat. Jenħtieġ li jippermetti t-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, inkluż bl-iżvilupp tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b'kollaborazzjoni, trawwim u attrazzjoni tat-talent u l-ingranaġġ ta' aktar investimenti privati, inkluż b'inizjattivi tal-edukazzjoni għolja bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, f'sinerġija ma' Erasmus+, u bi qbil mal-objettivi u l-attivitajiet ta' dan ir-Regolament.

(15) Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) jenħtieġ li jistimula innovazzjoni li toħloq is-swieq tat-teknoloġija profonda. Jenħtieġ li jidentifika, jiżviluppa u juża dawn l-innovazzjonijiet tat-teknoloġija profonda bl-

[5] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2024) 1741 tal-20.03.2024.

istrumenti tiegħu. Permezz ta' appoġġ koerenti u simplifikat, l-EIC jenħtieġ li jimla l-vojt fl-appoġġ pubbliku u fl-investiment privat għat-teknoloġiji trasformattivi u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda. Bl-istrumenti tiegħu, l-EIC jenħtieġ li jkollu l-għan li jgħaqqad, jintegra u jħaffef il-perkors tal-innovatur mir-riċerka sas-suq u jippermetti lill-Unjoni jkollha kumpaniji ewlenin f'oqsma emerġenti tat-teknoloġija biex tilħaq l-objettivi soċjali u ekonomiċi tagħha u tevita dipendenzi fuq reġjuni oħra. L-EIC jenħtieġ li jappoġġa innovazzjonijiet ta' riskju kbir u ta' potenzjal qawwi u lil kumpaniji li jerfgħu dawn ir-riskji teknoloġiċi, xjentifiċi, finanzjarji, ta' ġestjoni jew tas-suq li għadhom ma jitqisux bankabbli għalkollox, u għalhekk ma jistgħux jgħollu l-livell meħtieġ ta' investimenti biex ikunu kompetittivi globalment mis-suq. Dan jenħtieġ li jinkorpora approċċ "miftuħ" (minn isfel għal fuq) kif ukoll approċċ immexxi minn "Sfida", b'koordinazzjoni u f'sinerġija mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u t-twieqi ta' politika tiegħu. Jenħtieġ li jinkludi approċċ simili għal "DARPA" (Aġenzija għall-Proġetti ta' Riċerka Avvanzata għad-Difiża), apposta biex jappoġġa lin-negozji ġodda b'użu doppju u tad-difiża, u l-espansjoni tagħhom, li joperaw b'komplementarjetà sħiħa mal-Istrument InvestEU tal-FEK u mal-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Difiża (EUDIS) u CASSINI (Inizjattiva tal-intraprenditorija spazjali). L-implimentazzjoni jenħtieġ li ssir f'sinerġija u b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività.

(16) Il-finanzjament ta' espansjoni tat-teknoloġija profonda mill-Fond Scaleup Europe imħabbar fl-Istrateġija għan-Negozji li qed jespandu, eżistenti waqt id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitwettaq skont it-termini miftiehma fil-QFP 2021-2027. Il-finanzjament kollu skont il-QFP 2028-2034 jenħtieġ li jitwettaq skont l-FEK.

(17) Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC, Joint Research Centre) jenħtieġ li jkompli jipprovdi evidenza xjentifika indipendenti u appoġġ tekniku għall-politiki tal-Unjoni, tul iċ-ċiklu ta' politika kollu. L-azzjonijiet diretti tal-JRC jenħtieġ li jiġu implimentati b'mod flessibbli, effiċjenti u trasparenti, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-politiki tal-Unjoni u l-ħtiġijiet rilevanti tal-utenti tal-JRC, filwaqt li tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-JRC jenħtieġ li jkompli jiġġenera riżorsi addizzjonali, li jista' juża biex jappoġġa l-attivitajiet xjentifiċi u tekniċi tiegħu.

(18) Il-Programm jenħtieġ li jiżgura l-promozzjoni u l-protezzjoni effettiva tal-valuri u l-prinċipji taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u tal-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni[6], b'mod partikolari l-etika u l-integrità fir-riċerka u l-innovazzjoni, il-libertà tar-riċerka xjentifika, ix-xjenza għall-politika, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs, in-nondiskriminazzjoni, ix-xjenza miftuħa u l-promozzjoni ta' karrieri attraenti fir-riċerka u l-mobbiltà. B'mod partikolari, il-Programm jenħtieġ li jiżgura l-promozzjoni effettiva tal-opportunitajiet indaqs lil kulħadd u l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni ta' materjal relattiv għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kontenut tar-R&I. Jenħtieġ li jkollu l-għan li jindirizza l-kawżi tal-iżbilanċi bejn il-ġeneri. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex, sa fejn hu possibbli, ikun żgurat bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet tal-evalwazzjoni u f'korpi konsultattivi rilevanti oħra bħal bordijiet u gruppi ta' esperti.

(19) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-infrastrutturi tar-riċerka u l-infrastrutturi tat-teknoloġija Ewropej biex jixpruna l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika u l-kompetittività industrijali, billi jappoġġa l-kontinwità taċ-ċiklu tar-riċerka u l-

[6] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 tas-26 ta' Novembru 2021 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/2122/oj).

innovazzjoni mir-riċerka bażika sar-riċerka applikata lejn adozzjoni fis-soċjetà u fis-suq.

(20) Il-Programm jenħtieġ li jimplimenta miżuri konkreti b'appoġġ għall-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi ta' twessigħ u t-tisħiħ tar-rabtiet kollaborattivi madwar l-Unjoni li jsaħħu l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiżi ta' twessigħ u fil-pajjiżi ta' tranżizzjoni, li jwasslu għal sistema Ewropea tar-R&I aktar koeżiva u integrata u jikkontribwixxu għall-mira tal-investiment ta' mqar 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp. L-Istati Membri eliġibbli mill-perjodu 2021-2027 jenħtieġ li jinqasmu f'żewġ gruppi għal-perjodu kollu tal-Programm, abbażi tal-Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni u r-redditu finanzjarju relattiv għal kull Introjtu Nazzjonali Gross (ING), abbażi tal-kriterji li ġejjin: i) "Pajjiżi ta' tranżizzjoni", kemm b'Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni (2023-2025) iżjed minn 75 % tal-medja tal-Unjoni kif ukoll b'redditu finanzjarju relattiv pożittiv għal kull ING (2021-2025) skont Orizzont Ewropa; ii) "Pajjiżi ta' twessigħ", l-Istati Membri l-oħra kollha eliġibbli mill-perjodu 2021-2027.

(21) Filwaqt li jagħraf il-benefiċċju miksub mill-kooperazzjoni internazzjonali biex, fost l-oħrajn, jiġi indirizzat ċertu tħassib teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali komuni, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi. Il-kooperazzjoni internazzjonali jenħtieġ li timmira li ssaħħaħ il-kompetittività u l-eċċellenza tal-Unjoni fir-R&I, inkluż il-kapaċità tagħha li tattira u żżomm l-aqwa talenti mid-dinja. Il-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi, inkluż is-sigurtà ekonomika, jenħtieġ li jkunu fil-qalba tal-approċċ u jenħtieġ li jitqiesu gradi differenti ta' kooperazzjoni abbażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-benefiċċju li jista' jinkiseb mill-Unjoni biex tindirizza l-prijoritajiet u l-isfidi globali tagħha filwaqt li tħares il-valuri u l-interessi tal-Unjoni. L-assoċjazzjoni mal-Programm kollu jew ma' partijiet minnu jenħtieġ li tibqa' l-aktar forma komprensiva ta' kooperazzjoni. Għall-attivitajiet tal-EIC relatati mad-difiża, jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament biss entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività għall-attivitajiet tad-difiża. Il-Programm jista' jappoġġa attivitajiet iffinanzjati mill-programm Ewropa Globali diment li dawn ikunu konformi mar-regoli u l-objettivi ta' dan ir-Regolament bi qbil mad-dispożizzjonijiet dwar is-sinerġiji.

(22) Biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u jkun żgurat tkabbir ekonomiku sostenibbli fit-tul, hu essenzjali li tissaħħaħ il-kompetittività globali tagħha filwaqt li jitħarsu l-assi u l-interessi strateġiċi tagħha kif deskritt fl-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà Ekonomika[7]. L-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 kif ikkomplementat mill-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) XXX [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività] jippromwovi l-kompetittività tal-Unjoni u jipproteġi s-sigurtà ekonomika tagħha. L-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għall-fini tal-Programm jenħtieġ li tipprovdi qafas legali xieraq li jippermetti, meta meħtieġ, l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' proċeduri ta' aġġudikazzjoni li jippromwovu l-kompetittività mmexxija mir-riċerka u jipproteġu l-interessi u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, inkluż miżuri mmirati għar-restrizzjoni tal-parteċipazzjoni jew il-protezzjoni tar-riżultati u jiżguraw koerenza u konsistenza ma' regoli speċifiċi skont it-twieqi tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività. Meta meħtieġ, jenħtieġ li jitħaddem approċċ ibbażat fuq ir-riskji biex ikun żgurat li r-riskji relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni jiġu identifikati, ivvalutati u indirizzati b'miżuri

---

[7] Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika" JOIN(2023) 20 final, Brussell, 20.06.2023.

proporzjonati u effettivi[8]. F'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju, għal raġunijiet ta' sigurtà, jenħtieġ li r-restrizzjonijiet tal-eliġibbiltà japplikaw għal fornituri ta' riskju għoli.

(23) Fid-dawl tar-riskji dejjem akbar b'rabta ma' perikli naturali, emerġenzi tas-saħħa, inċidenti teknoloġiċi, theddid evolventi għas-sigurtà, u tfixkil ieħor, hu essenzjali li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex jantiċipaw, iħejju u jirrispondu għall-kriżijiet u d-diżastri. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa r-riċerka li ssaħħaħ il-ġestjoni tar-riskji ta' diżastri u tal-kriżijiet, tinvesti fir-reżiljenza għall-klima, u ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-funzjonijiet vitali tas-soċjetà, u tibni Unjoni aktar reżiljenti, sigura u mħejjija, bi qbil mal-objettivi tal-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza.

(24) Jenħtieġ li l-attivitajiet ikunu jirriflettu l-importanza li jiġi indirizzat it-telf drammatiku tal-bijodiversità u jikkontribwixxu għall-preservazzjoni u r-restawr tan-natura, l-ekosistemi u s-servizzi tagħhom. L-integrazzjoni tax-xjenza ambjentali fl-attivitajiet hi meħtieġa biex tkun evitata ħsara fl-ambjent, biex jinżamm ambjent nadif u biex jiġu restawrati ekosistemi sani.

(25) Il-Programm jagħraf li t-tibdil fil-klima hu waħda mill-akbar sfidi dinjin u tas-soċjetà, u li l-azzjoni klimatika hi xprun għall-kompetittività industrijali. L-attivitajiet jenħtieġ li jkunu jirriflettu l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi.

(26) Is-simplifikazzjoni fl-implimentazzjoni tal-Programm hi essenzjali biex tiżgura l-aċċessibbiltà u l-effiċjenza tiegħu, b'mod partikolari billi tnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u timminimizza r-riskji ta' errur. Għal dan il-għan, il-Programm jenħtieġ li jiddependi primarjament fuq is-somom f'daqqa bħala l-forma awtomatika tal-finanzjament tal-Unjoni. Filwaqt li tul il-Programmi Qafas preċedenti avvanzaw l-isforzi għal simplifikazzjoni tar-regoli tal-finanzjament u biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-erruri, jenħtieġ li jiġi ssimplifikat aktar ukoll ir-rimborż tal-kostijiet tal-persunal permezz ta' kostijiet unitarji tal-persunal, ħalli tonqos il-kumplessità għall-parteċipanti u jiġi ffaċilitat ir-rapportar.

(27) Biex tiġi akkomodata struttura organizzazzjonali speċifika, speċjalment li wieħed jiltaqa' magħhom waqt l-attivitajiet tar-Riċerka u l-Innovazzjoni, jenħtieġ li jkun possibbli li l-kontribuzzjonijiet *in natura* mingħand partijiet terzi jiġu ddikjarati bħala kostijiet eliġibbli. Biex tiġi inċentivata l-valorizzazzjoni tar-riżultati, jenħtieġ li jiġi ċċarat li dan ma għandux jingħadd bħala dħul tal-azzjoni.

(28) Biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni u jiġu massimizzati l-adozzjoni u l-użu tar-riżultati b'mod ġenerali, il-benefiċjarji li jkunu sidien tar-riżultati jenħtieġ li jimmaniġġjaw ir-riżultati tagħhom skont l-obbligi tagħhom stabbiliti skont dan ir-Regolament rigward il-valorizzazzjoni u d-disseminazzjoni. Dawk l-obbligi jistgħu jiġu aġġustati fil-programm ta' ħidma, fil-kundizzjonijiet tas-sejħa jew fil-ftehim ta' għotja, meta xieraq, abbażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' politika, inkluż dawk relatati mas-sigurtà ekonomika, iżda dawn jenħtieġ li jinkludu rekwiżiti biex jipproteġu, jagħtu aċċess, jivvalorizzaw ir-riżultati u jagħmluhom pubbliċi kif xieraq u ġustifikat, inkluż bi prattiki tax-xjenza miftuħa. Biex jeħfief u jitħaffef il-proċess tal-valorizzazzjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti strumenti u għodod ta' appoġġ f'konformità mal-istrateġija tal-valorizzazzjoni tal-Kummissjoni kif żviluppata skont il-Fond

[8] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2024 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tar-riċerka, C/2024/3510.

Ewropew għall-Kompetittività u kwalunkwe appoġġ u servizz bħal dawn previsti fil-Kapitolu III tiegħu.

(29) Hemm bżonn miżuri ta' appoġġ li jissaħħu u jikkollegaw aħjar l-ekosistemi tal-innovazzjoni. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet u lill-innovaturi biex joħolqu ekosistemi tal-innovazzjoni kompetittivi, sodi u konnessi u biex itejbu l-kundizzjonijiet qafas permezz ta' kooperazzjoni u skambju tal-għarfien. Dawn jenħtieġ li jgħinu għal kollegamenti bejn l-ekosistemi nazzjonali, reġjonali u lokali billi jneħħu l-ostakli fis-suq uniku bħall-frammentazzjoni tas-suq, l-aċċess limitat għall-kapital, u swieq kapitali nazzjonali segmentati, l-adozzjoni bil-mod tal-innovazzjoni, u l-użu insuffiċjenti tal-akkwist tal-innovazzjoni.

(30) L-azzjonijiet appoġġati b'dan ir-Regolament jenħtieġ li jħaffu jew jixprunaw l-investimenti billi jindirizzaw il-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, b'mod proporzjonat, jevitaw id-duplikazzjoni jew l-esklużjoni, u jinċentivaw il-finanzjament privat, u jipprovdu valur miżjud tal-Unjoni. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE għar-riżorsi nazzjonali, dan jenħtieġ li jiżgura wkoll konsistenza bejn l-azzjonijiet skont il-Programm u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, u b'hekk jiġu evitati distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

(31) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju indikattiv għal Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, għall-perjodu 2028-2034.

(32) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509[9] japplika għall-Programm. Dan jistabbilixxi r-regoli dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inkluż ir-regoli dwar l-għotjiet, il-premjijiet, id-donazzjonijiet mhux finanzjarji, l-akkwist, il-ġestjoni indiretta, l-assistenza finanzjarja, l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji.

(33) Biex tkun żgurata l-konsistenza, jenħtieġ li jiġu implimentati garanzija baġitarja u strumenti finanzjarji, f'konformità mat-Titolu X tar-Regolament Finanzjarju u mal-arranġamenti tekniċi, inkluż meta kkombinati ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjonijiet ta' taħlit, permezz ta' dan il-Programm, skont termini u kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tiegħu.

(34) Meta l-appoġġ tal-Unjoni permezz tal-Programm irid jingħata fil-forma ta' garanzija baġitarja jew strument finanzjarju, inkluż meta kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjoni ta' taħlit, ħlief għall-istrumenti finanzjarji tal-EIC, dan l-appoġġ jenħtieġ li jingħata esklużivament mill-Istrument InvestEU tal-FEK skont ir-regoli applikabbli tal-Istrument InvestEU tal-FEK.

(35) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10], u r-Regolamenti tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95[11], (Euratom, KE) Nru 2185/96[12] u (UE)

[9] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

[10] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L248, 18.9.2013, p. 1).

[11] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p. 1).

2017/1939[13], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jitħarsu b'miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod skorrett u, meta xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (UE, Euratom) Nru 883/2013 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF, European Anti-Fraud Office) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, biex jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) huwa kompetenti biex jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14]. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u, kif xieraq, lill-UPPE tal-Awdituri u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

(36) Il-Programm jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir Regolament dwar il-Prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inkluż regoli biex tkun żgurata applikazzjoni uniformi tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f), kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà riflessi fl-Artikoli 17.3, 20.4 u 21.1 tal-Anness I, tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament u f'konformità mar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà fl-Annessi I u III tad-Direttiva 2019/882, ir-regoli għall-monitoraġġ u r-rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, ir-regoli għall-istabbiliment ta' portal tal-finanzjament tal-Unjoni, ir-regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà.

(37) Skont l-Artikolu 85(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764[15], persuni u entitajiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u l-objettivi tal-Programm u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li miegħu jkun marbut il-pajjiż jew it-territorju ekstra-Ewropew rilevanti.

(38) Il-Programm jissostitwixxi l-programm Orizzont Ewropa stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/695. Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2021/695 jenħtieġ li jitħassar.

---

12 Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L292,15.11.96 , p. 2).

13 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

14 Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

15 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764 tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u t-Territorji ekstra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea inkluż ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni ekstra-Ewropea, inkluż Greenland) (ĠU L 355, 7.10.2021, p. 6–134).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# Titolu I – Il-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni

## Kapitolu I

## Dispożizzjonijiet Ġenerali

*Artikolu 1*

***Suġġett***

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (il-"Programm") għall-perjodu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (il-"QFP") 2028–2034 u jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni fir-rigward ta' azzjonijiet indiretti permezz tal-Programm u jiddetermina l-qafas li jirregola l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet ta' Riċerka u Innovazzjoni għall-istess perjodu. Jistabbilixxi wkoll l-objettivi tal-Programm, il-baġit tiegħu għal dak il-perjodu, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' tali finanzjament.

2. Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz ta':

   (a) il-Programm Speċifiku stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill XX, inklużi l-attivitajiet ta' riċerka kollaborattiva tat-twieqi ta' politika kif stabbilit fir-Regolament dwar il-Fond Kompetittiv Ewropew.

   (b) il-Programm Speċifiku dwar ir-riċerka dwar id-difiża stabbilit bir-Regolament (UE) [XXX] [Fond Ewropew għall-Kompetittività].

3. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-Programm Speċifiku tar-riċerka fid-difiża msemmi fil-paragrafu 2, il-punt (b). L-attivitajiet li għandhom jitwettqu permezz ta' dan il-Programm Speċifiku u li huma stabbiliti fir-Regolament (UE) [XXX] [Fond Ewropew għall-Kompetittività] għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kompetittività, l-effiċjenza u l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea.

4. It-termini Orizzont Ewropa, "il-Programm" u "Programm Speċifiku" użati f'dan ir-Regolament jirreferu għal materji rilevanti biss għall-Programm Speċifiku msemmi fil-paragrafu 2, il-punt (a), sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

*Artikolu 2*

***Definizzjonijiet***

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

*(1) "infrastrutturi tar-riċerka" huma faċilitajiet li jipprovdu riżorsi u servizzi għat-twettiq tar-riċerka u jrawmu l-innovazzjoni fl-oqsma tagħhom;*

(2) *"infrastrutturi tat-teknoloġija" huma faċilitajiet, tagħmir, kapaċitajiet u riżorsi meħtieġa għall-iżvilupp, l-ittestjar, it-titjib u l-validazzjoni tat-teknoloġija — minn servizzi prekompetittivi tar-riċerka applikata sad-dimostrazzjoni u l-validazzjoni;*

(3) *"mhux bankabbli" tfisser li l-entità legali tkun għadha ma tistax tattira investiment suffiċjenti biex timplimenta bis-sħiħ il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tagħha u tikkompeti internazzjonalment;*

(4) *"finanzjament imħallat" tfisser appoġġ finanzjarju pprovdut mill-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni ("EIC", European Innovation Council) li jikkonsisti f'taħlita ta' għotja u investiment;*

(5) *"teknoloġija profonda" tfisser innovazzjoni bil-potenzjal li tipprovdi soluzzjonijiet trasformattivi u li tkun ibbażata fuq avvanzi tal-ogħla livell fix-xjenza, it-teknoloġija u l-inġinerija;*

(6) *"Sħubija Ewropea" tfisser inizjattiva, fejn l-Unjoni flimkien mas-sħab privati u/jew pubbliċi jimpenjaw ruħhom li jappoġġaw b'mod konġunt l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' programm ta' attivitajiet, u fejn il-kostijiet jinqasmu bejn is-sħab kollha;*

(7) *"aċċess miftuħ" tfisser aċċess online għar-riżultati, ipprovdut mingħajr ħlas lill-utent finali;*

(8) *"xjenza miftuħa" tfisser approċċ għall-proċess xjentifiku li jinkludi l-kondiviżjoni bikrija u miftuħa tar-riċerka, l-aċċess miftuħ għar-riżultati u l-ġestjoni responsabbli tagħhom, miżuri ta' riproduċibbiltà, u l-involviment taċ-ċittadini u l-utenti finali fir-riċerka u l-innovazzjoni;*

(9) *"akkwist prekummerċjali" tfisser l-akkwist pubbliku jew privat ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp li jinvolvi l-qsim tar-riskji u l-benefiċċji skont il-kundizzjonijiet tas-suq, u l-iżvilupp kompetittiv f'fażijiet, fejn ikun hemm separazzjoni ċara tas-servizzi ta' riċerka u żvilupp akkwistati mill-użu ta' volumi kummerċjali ta' prodotti finali;*

(10) *"akkwist ta' soluzzjonijiet innovattivi" tfisser akkwist pubbliku jew privat fejn l-akkwirenti jaġixxu bħala klijenti ta' tnedija ta' prodotti jew servizzi innovattivi li għad ma jkunux disponibbli fuq bażi kummerċjali fuq skala kbira, u jistgħu jinkludu l-ittestjar tal-konformità;*

(11) *"sfond" tfisser kwalunkwe data, għarfien jew għarfien prattiku fi kwalunkwe forma jew natura, tanġibbli jew intanġibbli, inkluż kwalunkwe dritt bħad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, li jkun hemm qabel l-adeżjoni ma' azzjoni partikolari;*

(12) *"valorizzazzjoni" tfisser l-użu tar-riżultati f'attivitajiet ulterjuri għajr dawk koperti mill-azzjoni kkonċernata, inkluż l-użu kummerċjali;*

(13) *"organizzazzjoni internazzjonali ta' riċerka Ewropea" tfisser organizzazzjoni internazzjonali li l-maġġoranza tal-membri tagħha jkunu Stati Membri jew pajjiżi assoċjati u li l-għan ewlieni tagħha jkun li tippromwovi kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika fl-Ewropa;*

(14) *"entitajiet legali bi skop ta' qligħ" tfisser entità legali li skont il-forma legali tagħha jkollha l-iskop li tagħmel il-qligħ jew li jkollha obbligu legali jew statutorju li tqassam il-qligħ lill-azzjonisti jew membri individwali tagħha;*

*(15)* *“intrapriża żgħira jew ta’ daqs medju” jew “SME” tfisser intrapriża mikro, żgħira jew ta’ daqs medju kif definiti fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE*[16]*;*

*(16)* *“kumpanija żgħira b’kapitalizzazzjoni medja” tfisser intrapriża żgħira b’kapitalizzazzjoni medja kif definita fil-punt 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1099*[17]*;*

*(17)* *“riżultati” tfisser kwalunkwe eżitu tanġibbli jew intanġibbli ta’ azzjoni speċifika, bħal data, għarfien jew għarfien prattiku, fi kwalunkwe forma jew natura, u kemm jekk jista’ jiġi protett kif ukoll jekk le, kif ukoll kwalunkwe dritt marbut miegħu, inklużi drittijiet ta’ proprjetà intellettwali;*

*(18)* *“azzjoni ta’ riċerka fil-fruntieri tal-għarfien tal-ERC” tfisser azzjoni ta’ riċerka mmexxija minn investigatur prinċipali, inkluża Prova tal-Kunċett tal-ERC, li tkun ospitata minn benefiċjarju wieħed jew aktar li jirċievu finanzjament mill-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC, European Research Council);*

*(19)* *“azzjoni ta’ riċerka u taħriġ” tfisser azzjoni maħsuba biex ittejjeb il-ħiliet, l-għarfien u l-prospetti tal-karriera tar-riċerkaturi, li tippromwovi l-mobbiltà bejn il-pajjiżi, is-setturi jew id-dixxiplini;*

*(20)* *“azzjoni ta’ koordinazzjoni u appoġġ” tfisser azzjoni li tikkontribwixxi għall-objettivi tal-Programm, esklużi l-attivitajiet ta’ riċerka u innovazzjoni (R&I), ħlief meta titwettaq bil-komponent “Twessigħ tal-parteċipazzjoni u tixrid tal-eċċellenza” tal-Parti IV “Żona Ewropea tar-Riċerka”; u koordinazzjoni minn isfel għal fuq mingħajr kofinanzjament ta’ attivitajiet ta’ riċerka mill-Unjoni li tippermetti kooperazzjoni bejn entitajiet legali mill-Istati Membri u pajjiżi assoċjati sabiex tissaħħaħ iż-ŻER;*

*(21)* *“azzjonijiet indiretti” tfisser attivitajiet relatati mar-R&I li l-Unjoni tipprovdilhom appoġġ finanzjarju u li jitwettqu mill-parteċipanti;*

*(22)* *“azzjonijiet diretti” tfisser attivitajiet relatati mar-R&I mwettqa mill-Kummissjoni permezz tal-JRC tagħha;*

*(23)* *“ekosistema tal-innovazzjoni” tfisser ekosistema li tiġbor flimkien, fil-livell tal-Unjoni, organizzazzjonijiet li l-għan funzjonali tagħhom huwa li jiffaċilitaw l-iżvilupp u l-innovazzjoni tat-teknoloġija u li tinkludi relazzjonijiet bejn riżorsi materjali (bħal fondi, tagħmir u faċilitajiet, inklużi infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija), entitajiet istituzzjonali (bħal istituzzjonijiet ta’ edukazzjoni ogħla u servizzi ta’ appoġġ, organizzazzjonijiet tar-riċerka u tat-teknoloġija, kumpaniji, investituri — inklużi kapitalisti ta’ riskju — u intermedjarji finanzjarji) u entitajiet nazzjonali, reġjonali u lokali ta’ tfassil ta’ politika u ta’ finanzjament.*

*(24)* *“trijangolu tal-għarfien” tfisser il-ħolqien ta’ networks bejn l-istituzzjonijiet edukattivi, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u n-negozju bl-għan li jinħolqu ekosistemi tal-innovazzjoni li jieħdu ħsieb il-ħolqien ta’ perkors tal-innovazzjoni mill-bidu tal-innovazzjoni, l-edukazzjoni intraprenditorjali sal-ftuħ ta’ negozji ġodda u t-tkabbir ta’ negozji li qed jespandu.*

---

[16] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta’ Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta’ mikroimpriżi, impriżi żgħar u ta’ daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

[17] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1099 tal-21 ta’ Mejju 2025 dwar id-definizzjoni ta’ intrapriżi żgħar b’kapitalizzazzjoni medja (ĠU L, 28.5.2025, p. 1)

*Artikolu 3*

***Objettivi tal-Programm***

1. F'konformità mal-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, il-Programm għandu jsaħħaħ il-kompetittività tal-UE, il-bażi teknoloġika u xjentifika, u jindirizza l-isfidi globali permezz ta' riċerka u innovazzjoni eċċellenti.

2. L-objettivi speċifiċi tal-Programm huma li:

– Joħloq għarfien u ħiliet ta' kwalità għolja, u karrieri attraenti għar-riċerkaturi, u jappoġġa t-twettiq taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER).

– Iżid ir-riċerka kollaborattiva u l-kondiviżjoni u l-valorizzazzjoni tal-għarfien madwar l-UE u internazzjonali.

– Jallinja l-prijoritajiet tal-UE, nazzjonali u reġjonali biex joħloq ekosistema pan-Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni.

– Inaqqas id-disparitajiet nazzjonali u reġjonali fil-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni, fil-ħiliet u fit-talent biex issaħħaħ l-ekosistemi tal-innovazzjoni.

– Itejjeb il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-innovazzjoni, b'enfasi speċifika fuq it-teknoloġiji strateġiċi u l-innovazzjoni fixkiela, jiffaċilita t-tixrid ta' soluzzjonijiet innovattivi b'attivitajiet ta' standardizzazzjoni biex irawwem il-kompetittività u jindirizza sfidi soċjetali ewlenin.

– Inaqqas ir-riskji u jimmobilizza aktar finanzjament privat għar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari biex jappoġġa t-teknoloġija profonda u l-espansjoni ta' negozji ġodda u SMEs innovattivi.

– Jikkontribwixxi għal aktar investiment pubbliku u privat fir-riċerka u l-innovazzjoni fl-Istati Membri, u b'hekk jikkontribwixxi biex tintlaħaq il-mira ta' nefqa globali ta' mill-inqas 3 % tal-Prodott Domestiku Gross ("PDG") tal-Unjoni fir-riċerka u l-iżvilupp.

*Artikolu 4*

***Struttura tal-Programm***

3. Għall-finijiet tal-Programm Speċifiku msemmi fl-Artikolu 1(2), il-Programm għandu jkun strutturat f'partijiet kif ġej, li jikkontribwixxu għall-objettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3 u fit-twieqi ta' politika tar-Regolament (UE) XXX [Fond Ewropew għall-Kompetittività]:

(a) Il-Parti I "Xjenza Eċċellenti", bil-komponenti li ġejjin, b'mod partikolari:

  (i) il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC);

  (ii) l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA, Marie Skłodowska-Curie Actions).

  (iii) il-politiki ta' Xjenza tal-Unjoni: azzjonijiet diretti mhux nukleari taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC, Joint Research Centre).

(b) Il-Parti II "Kompetittività u Soċjetà;", bil-komponenti li ġejjin, b'mod partikolari:

i) “Kompetittività”, inklużi attivitajiet ta’ riċerka u innovazzjoni b’appoġġ għall-politiki permezz tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, bħal:

(1) attivitajiet kollaborattivi ta’ riċerka u innovazzjoni skont il-Kapitolu IV “Tranżizzjoni Nadifa u Dekarbonizzazzjoni Industrijali” tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività;

(2) attivitajiet kollaborattivi ta’ riċerka u innovazzjoni skont il-Kapitolu V “Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura u Bijoekonomija” tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività;

(3) attivitajiet kollaborattivi ta’ riċerka u innovazzjoni skont il-Kapitolu VI “Tmexxija Diġitali” tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività;

(4) attivitajiet kollaborattivi ta’ riċerka u innovazzjoni skont il-Kapitolu VII “Reżiljenza u Sigurtà, Industrija tad-Difiża u l-Ispazju” tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività.

ii) “Soċjetà”, inklużi attivitajiet ta’ riċerka u innovazzjoni, bħal:

(1) sfidi soċjetali globali;

(2) il-Missjonijiet tal-UE;

(3) il-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida;

(c) Il-Parti III “Innovazzjoni”, bil-komponenti li ġejjin, b’mod partikolari:

(i) il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC);

(ii) Ekosistemi tal-innovazzjoni, inklużi attivitajiet li jrawmu l-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien — l-edukazzjoni ogħla, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u n-negozju — madwar l-Unjoni.

(d) Il-Parti IV “Żona Ewropea tar-Riċerka”, bil-komponenti li ġejjin, b’mod partikolari:

(i) ir-riforma u t-titjib tas-sistema Ewropea tar-R&I;

(ii) l-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija;

(iii) it-twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tixrid tal-eċċellenza.

*Artikolu 5*

***Prinċipji orizzontali***

Il-Programm għandu:

(a) jiżgura approċċ multidixxiplinari, fejn xieraq, u jipprevedi l-integrazzjoni tax-xjenzi soċjali u studji umanistiċi (SSH, social sciences and humanities) fil-komponenti kollha tal-Programm, inklużi sejħiet speċifiċi għal proposti dwar suġġetti relatati mal-SSH.

(b) javvanza l-għarfien xjentifiku u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta’ politiki pubbliċi infurmati, effettivi u reattivi madwar l-Unjoni u lil hinn minnha. Il-Programm għandu jippromwovi b’mod attiv l-użu tar-riżultati tar-riċerka ffinanzjata pubblikament u tal-evidenza xjentifika fil-proċessi tat-tfassil tal-politika fil-livelli kollha, filwaqt li jrawwem rabtiet aktar b’saħħithom bejn ir-riċerka, l-innovazzjoni, u

l-iżvilupp ta' politiki pubbliċi bbażati fuq l-evidenza. Dan għandu jinkludi l-inkoraġġiment ta' mekkaniżmi kollaborattivi, inizjattivi tar-R&I u interfaċċi tax-xjenza għall-politika li jgħaqqdu lil dawk li jfasslu l-politika mal-komunità xjentifika, kif ukoll l-iffaċilitar tal-użu tal-eżiti tar-riċerka fit-tfassil ta' oqfsa leġiżlattivi u regolatorji futuri fil-livelli kollha. Għandha ssir enfasi speċjali fuq l-iżgurar li l-għarfien xjentifiku jkun aċċessibbli u rilevanti għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u għaċ-ċittadini, bi strumenti għall-użu effettiv tar-riżultati fir-riċerka, tad-dokument ta' sintesi, u tar-rakkomandazzjonijiet.

(c) jinkoraġġixxi prattiki tax-xjenza miftuħa inkluż billi jiżgura aċċess miftuħ għall-pubblikazzjonijiet xjentifiċi rieżaminati bejn il-pari rigward ir-riżultati, kif ukoll aċċess miftuħ għad-data tar-riċerka u riżultati oħra skont il-prinċipju "kemm jista' jkun miftuħ, magħluq kemm meħtieġ".

*Artikolu 6*

***Baġit***

4. Il-pakkett finanzjarju indikattiv tal-Programm għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034 għandu jkun ta' EUR 175 002 000 000 fi prezzijiet attwali.

5. Id-distribuzzjoni indikattiva tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-Programm Speċifiku msemmi fl-Artikolu 1(2)(a), għandha tkun:

(a) EUR 44 079 000 000 għall-Parti I "Xjenza Eċċellenti", li minnhom EUR 2 600 000 000 għal azzjonijiet diretti mhux nukleari taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC).

(b) EUR 75 876 000 000 għall-Parti II "Kompetittività u Soċjetà", li minnhom:

i. EUR 68 270 000 000 għal "Kompetittività" li minnhom:

EUR 25 331 000 000 għal attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni skont il-Kapitolu IV "Tranżizzjoni Nadifa u Dekarbonizzazzjoni Industrijali" tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività;

EUR 19 650 000 000 għal attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni skont il-Kapitolu V "Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura u Bijoekonomija" tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività;

EUR 16 854 000 000 għal attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni skont il-Kapitolu VI "Tmexxija Diġitali" tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività;

EUR 6 435 000 000 għal attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni skont il-Kapitolu VII "Reżiljenza u Sigurtà, Industrija tad-Difiża u l-Ispazju" tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività.

ii. EUR 7 606 000 000 għal "Soċjetà".

(c) EUR 38 785 000 000 għall-Parti III "Innovazzjoni".

(d) EUR 16 262 000 000 għall-Parti IV "Żona Ewropea tar-Riċerka", li minnhom EUR 5 387 000 000 għat-twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tixrid tal-eċċellenza.

1. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ammonti tar-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 7 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-kontroll, tal-awditjar u tal-evalwazzjoni, sistemi u pjattaformi tat-teknoloġija tal-informatika, attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u kull assistenza teknika u amministrattiva oħra jew spejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.

2. Jekk ikun meħtieġ għall-ġestjoni tal-azzjonijiet li ma jkunux tlestew sal-31 ta' Diċembru 2034, l-approprjazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni ta' wara l-2034 biex ikopru l-ispejjeż meħtieġa u biex jippermettu l-ġestjoni tal-azzjonijiet li ma jkunux tlestew sa tmiem il-Programm.

3. L-impenji baġitarji għal azzjonijiet li jestendu fuq aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jiġu diżaggregati f'pagament parzjali annwali fuq diversi snin.

*Artikolu 7*

***Riżorsi addizzjonali***

1. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew partijiet terzi oħra, jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji jew mhux finanzjarji addizzjonali għall-Programm. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punti (a), (d), jew (e) jew l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

2. Ir-riżorsi allokati lill-Istati Membri b'ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament jew indirettament f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (a) jew (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Dawn għandhom jiżdiedu mal-ammont imsemmi fl-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx għamlet impenn legali b'ġestjoni diretta jew indiretta biex il-Programm ikollu ammonti addizzjonali disponibbli b'dan il-mod, l-ammonti mhux impenjati korrispondenti jistgħu, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, jiġu ttrasferiti lura lejn il-programm sors rispettiv wieħed jew aktar jew lejn is-suċċessuri tagħhom.

*Artikolu 8*

***Finanzjament alternattiv, ikkombinat u kumulattiv***

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Anki azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi kontribuzzjoni minn dan il-Programm. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tkun ibbażata fuq il-kostijiet eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat bi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.

2. Il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni fil-qafas tal-Programm jistgħu jitwettqu b'mod konġunt b'ġestjoni diretta jew indiretta mal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew partijiet terzi oħra, dment li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tali proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali wieħed. Għal dak l-għan, is-sħab fil-proċedura ta' aġġudikazzjoni konġunta jistgħu jagħmlu riżorsi disponibbli għall-Programm f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, jew is-sħab jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' aġġudikazzjoni, fejn applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Fi proċeduri tal-għoti konġunti, ir-rappreżentanti tas-sħab fil-proċedura ta' aġġudikazzjoni konġunta jistgħu jkunu wkoll membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509,

3. Skont dan il-programm, minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(1) u (2) tar-Regolament (UE) XXX [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività], is-Siġill tal-Kompetittività għandu jingħata biss għal azzjonijiet ta' kwalità għolja li ma jkunux ġew iffinanzjati mill-Programm minħabba restrizzjonijiet baġitarji.

4. L-Istati Membri jistgħu jiffinanzjaw azzjonijiet li jkunu ngħataw Siġill tal-Kompetittività.

*Artikolu 9*

***Pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm***

1. Il-Programm jista' jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet u applikabbli għal:

   (a) il-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll il-mikrostati Ewropej;

   (b) il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u dawk kandidati potenzjali;

   (c) il-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat;

   (d) pajjiżi terzi oħra.

2. Il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni għall-parteċipazzjoni fil-Programm:

   (a) għandhom jiżguraw bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiż terz li jkun qed jipparteċipa fil-Programm;

   (b) għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-Programm, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji, li jikkonsistu f'kontribuzzjoni operazzjonali u miżata għall-parteċipazzjoni, għall-Programm u l-kostijiet amministrattivi ġenerali tiegħu;

   (c) ma għandhomx jagħtu lill-pajjiż terz xi setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-Programm;

   (d) għandhom jiggarantixxu d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tħares l-interessi finanzjarji tagħha.

   (e) għandhom, fejn rilevanti, jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (d), il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa skont ir-Regolamenti (UE, Euratom) 2024/2509 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, u jiggarantixxi li d-deċiżjonijiet ta' infurzar li jimponu obbligu pekunarju abbażi tal-Artikolu 299 tat-TFUE, kif ukoll is-sentenzi u l-ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu infurzabbli.

4. Għall-fini tal-paragrafu 1, il-punt (d), l-assoċjazzjoni jew l-assoċjazzjoni parzjali ma' pajjiżi terzi oħra għandha tkun possibbli biss jekk dawn ikunu jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:

   (a) kapaċità tajba fix-xjenza, fit-teknoloġija u fl-innovazzjoni;

   (b) impenn lejn ekonomija tas-suq miftuħa u bbażata fuq ir-regoli, inkluż trattament ġust u ekwu tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u jkunu appoġġati minn istituzzjonijiet demokratiċi;

   (c) promozzjoni attiva ta' politiki li jtejbu l-benesseri ekonomiku u soċjali taċ-ċittadini.

5. L-ambitu tal-assoċjazzjoni ta' kull pajjiż terz mal-Programm għandu jqis analiżi tar-riskji, b'mod partikolari dawk li x'aktarx jaffettwaw l-ordni pubbliku u s-sigurtà tal-Unjoni f'oqsma ta' politika rilevanti, inkluż is-sigurtà ekonomika u tar-riċerka, kif ukoll il-benefiċċji u l-objettiv usa' li jixprunaw it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-Unjoni permezz tal-innovazzjoni. Għaldaqstant, bl-eċċezzjoni tal-membri taż-ŻEE, il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali, il-pajjiżi terzi jistgħu jiġu esklużi minn partijiet tal-Programm skont dan ir-Regolament jew skont il-ftehim ta' assoċjazzjoni nnifsu.

6. Il-ftehim ta' assoċjazzjoni li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fil-Programm, għandu, sa fejn ikun possibbli, jipprevedi l-parteċipazzjoni reċiproka ta' entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni fi programmi ekwivalenti tal-pajjiżi assoċjati f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawk il-programmi.

7. Il-kundizzjonijiet li jiddeterminaw il-livell tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), għandhom jiżguraw korrezzjoni awtomatika regolari ta' kwalunkwe żbilanċ sinifikanti meta mqabbel mal-ammont li l-entitajiet stabbiliti fil-pajjiż assoċjat jirċievu permezz tal-parteċipazzjoni fil-Programm, filwaqt li jitqiesu l-kostijiet tal-ġestjoni, l-eżekuzzjoni u l-operat tal-Programm. L-allokazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għandhom iqisu l-livell ta' parteċipazzjoni tal-entitajiet legali tal-pajjiżi assoċjati f'kull parti tal-Programm.

*Artikolu 10*

***Implimentazzjoni u forom tal-finanzjament tal-Unjoni***

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'ġestjoni diretta jew b'ġestjoni indiretta ma' korpi msemmija fl-Artikolu 62(1), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament.

2. Il-finanzjament tal-Unjoni jista' jingħata fi kwalunkwe forma f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'mod partikolari permezz ta' għotjiet, premjijiet, akkwist, donazzjonijiet mhux finanzjarji, u strumenti finanzjarji.

3. Bl-eċċezzjoni tal-istrumenti finanzjarji tal-EIC (Fond) fejn l-appoġġ tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' garanzija baġitarja jew strument finanzjarju, inkluż meta kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjoni ta' taħlit, dan għandu jiġi

pprovdut esklużivament permezz tal-Istrument InvestEU tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u implimentat f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Istrument InvestEU tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività permezz tal-ftehimiet ta' kontribuzzjoni jew ta' garanzija konklużi għal dak l-għan. Meta l-Programm juża l-Istrument InvestEU tal-FEK, dan għandu jipprovdi l-proviżjonament għat-telf mis-self għall-garanzija baġitarja u l-finanzjament għall-istrumenti finanzjarji, inkluż meta jiġi kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli fil-forma ta' operazzjoni ta' taħlit.

4. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, il-finanzjament għandu jingħata bħala finanzjament mhux marbut mal-kost, jew bħala għażliet ta' kostijiet issimplifikati b'mod partikolari permezz ta' somom f'daqqa kif ukoll bħala kostijiet unitarji għal persunal, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-finanzjament jista' jingħata fil-forma ta' rimborż reali tal-kost eliġibbli, meta l-objettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jintlaħqu mod ieħor biss. Fejn ikun meħtieġ li jiġu permessi sorsi oħra ta' finanzjament inklużi koinvestimenti ma' riżorsi nazzjonali soġġetti għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, il-finanzjament għandu jiġi pprovdut fil-forma ta' rimborż reali tal-kostijiet eliġibbli jew ta'għażliet ta' kostijiet issimplifikati.

5. Għall-finijiet tal-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-kumitat tal-evalwazzjoni jista' jkun magħmul parzjalment jew kompletament minn esperti esterni indipendenti.

### *Artikolu 11*

### ***Sħubijiet Ewropej***

1. Fejn meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, l-attivitajiet skont dan ir-Regolament jistgħu jiġu implimentati permezz ta' Sħubijiet Ewropej, b'mod awtomatiku permezz tal-programmi ta' ħidma.

2. Is-sħubijiet Ewropej għandhom ikunu bbażati fuq Memorandum ta' Qbil, miftiehem u ffirmat bejn is-sħab, li jistipula:

   (a) ir-riżultati li għandhom jingħataw, li għandhom ikunu ċari, miżurabbli u marbuta biż-żmien;

   (b) il-ħtiġiet tar-rappurtaġġ;

   (c) l-impenji relatati mis-sħab kollha;

   (d) l-arranġamenti ta' governanza b'mekkaniżmu għas-sħab biex jiddiskutu u jaqblu dwar l-ipprogrammar u l-attivitajiet tas-sħubijiet.

3. F'każijiet debitament ġustifikati s-Sħubijiet Ewropej se jiġu implimentati billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja minn diversi programmi ta' finanzjament tal-Unjoni lil korpi stabbiliti skont l-Artikoli 185 u 187 TFUE, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

4. Għas-sħubijiet Ewropej stabbiliti skont il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, l-appoġġ mill-Programm għandu jkun kundizzjonali fuq l-użu effiċjenti tal-finanzjament tal-Unjoni, kontribuzzjoni finanzjarja proporzjonata minn sħab oħra li talanqas taqbel mal-kontribuzzjoni tal-Unjoni u d-drittijiet tal-vot għall-Unjoni fil-korpi governattivi li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni fis-sħubija. Għal dak l-għan, l-Impriżi Konġunti għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' att uniku ta' stabbiliment li jiżgura regoli armonizzati.

5. Is-Sħubijiet Ewropej għandhom:

(a) jiġu stabbiliti biss f'każijiet meta l-azzjoni tal-Unjoni waħedha jew forom oħra ta' appoġġ taħt il-Programm ma jkunux jistgħu jilħqu l-objettivi mixtieqa.

(b) jiġu stabbiliti bl-għan li jiġu indirizzati l-isfidi li jeħtieġu massa kritika ta' riżorsi u approċċ unifikat u kkoordinat, kemm f'termini ta' programmazzjoni kif ukoll f'termini ta' implimentazzjoni, fost l-atturi.

(c) jallinjaw ma' politiki u inizjattivi ta' politika ewlenin tal-Unjoni u jassistu fl-implimentazzjoni tagħhom.

(d) jintgħażlu b'mod kompetittiv abbażi ta' sett ta' kriterji kwantifikabbli taċ-ċiklu tal-ħajja u approċċ ta' portafoll b'saħħtu, li jirriżulta f'sett koerenti ta' inizjattivi.

(e) ikunu bbażati fuq impenji ex ante, fit-tul u formali mis-sħab kollha biex jikkontribwixxu finanzjarjament għar-riżorsi tas-Sħubija Ewropea, li għandhom jiġu ġestiti ċentralment, ħlief f'każijiet debitament ġustifikati.

(f) jirrikjedu approċċ ċar taċ-ċiklu tal-ħajja, inkluż pjan bil-quddiem għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva bi strateġija għat-tneħħija gradwali jew sħiħa mill-finanzjament tal-Unjoni.

6. Il-kontribuzzjonijiet mis-Sħab għajr l-Unjoni għandhom jieħdu l-forom li ġejjin:

(a) kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit operattiv tal-inizjattiva;

(b) kofinanzjament mis-Sħab tal-parteċipazzjoni tagħhom stess, jew dik tal-membri tagħhom, fi proġetti ffinanzjati permezz tal-inizjattiva.

7. Is-Sħab kollha għajr l-Unjoni għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-istruttura, is-sħubija u l-attivitajiet żviluppati fi ħdan is-sħubija. F'każijiet fejn jiġu konklużi sħubijiet ma' organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet rappreżentattivi, dawn għandhom jinkludu informazzjoni regolari dwar is-sħubija tagħhom.

# Kapitolu II

# Xjenza Eċċellenti

*Artikolu 12*

***Il-Kunsill Ewropew għar-Riċerka***

1. Il-Kunsill Ewropew għar-Riċerka għandu jipprovdi finanzjament attraenti u flessibbli biex riċerkaturi individwali ta' talent u kreattivi, b'enfasi fuq ir-riċerkaturi fi stadju bikri, u t-timijiet tagħhom, jippermettilhom isegwu l-perkorsi l-aktar promettenti fil-fruntieri tax-xjenza, irrispettivament min-nazzjonalità u l-pajjiż ta' oriġini tagħhom u fuq il-bażi ta' kompetizzjoni mifruxa mal-Unjoni kollha bbażata biss fuq il-kriterju ta' eċċellenza.

2. L-ERC għandu jattira l-aktar riċerkaturi b'talent mid-dinja kollha u jistabbilixxi l-Unjoni bħala ċentru minn ta' quddiem fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni.

*Artikolu 13*

***L-Azzjonijiet Marie Sklodowska-Curie***

1. L-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) għandhom jappoġġaw il-karriera fl-istadji kollha, l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-mobbiltà tar-riċerkaturi mid-dinja kollha soġġett għal kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà. Il-MSCA għandhom irawmu l-eċċellenza fir-riċerka, jattiraw u jżommu t-talenti eċċellenti fir-riċerka, u jappoġġaw il-karrieri fir-riċerka sostenibbli fl-Unjoni bl-għan li tiżdied il-kompetittività tal-Unjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni.

2. Il-MSCA għandha tiffinanzja networks ta' dottorat eċċellenti, fellowships postdottorali, skambji tal-persunal tar-R &I, kif ukoll mekkaniżmi ta' appoġġ biex jitrawmu karrieri sostenibbli bil-ħsieb li jiġu attirati u miżmuma t-talenti l-aktar promettenti. Għandha ssir enfasi qawwija fuq il-kooperazzjoni internazzjonali, intersettorjali u interdixxiplinari kif ukoll fuq is-sensibilizzazzjoni xjentifika. Il-finanzjament għandu jappoġġa r-riċerka mill-aktar avvanzata u jiffoka fuq l-iżvilupp ta' talent fir-riċerka, b'appoġġ immirat għar-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera. Għandu jappoġġa l-istabbiliment tal-Unjoni bħala destinazzjoni ewlenija għar-riċerkaturi.

*Artikolu 14*

***Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka***

1. Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għandu jipprovdi għarfien u xjenza indipendenti u bbażati fuq l-evidenza, filwaqt li jappoġġa l-politiki tal-UE biex iħallu impatt pożittiv fuq is-soċjetà. Dan għandu jsir permezz ta' azzjonijiet diretti tal-JRC u permezz tal-parteċipazzjoni tal-JRC f'azzjonijiet indiretti. Il-Kapitolu II tat-Titolu II ma għandux japplika għal azzjonijiet diretti. B'deroga mill-Artikolu 21(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, id-dħul jew l-ammonti li jirriżultaw mill-attivitajiet ta' riċerka tal-JRC (eż. privattivi, liċenzji, eċċ.) għandhom ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw mill-JRC.

# Kapitolu III

# Kompetittività u Soċjetà

*Artikolu 15*

***Riċerka kollaborattiva***

1. Ir-riċerka kollaborattiva għandha tappoġġa l-ħolqien ta' networks tranżnazzjonali ta' kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni, li jlaqqgħu flimkien entitajiet ta' dixxiplini differenti, biex jappoġġaw l-iżvilupp u t-tixrid rapidu ta' riżultati ta' kwalità għolja favur il-kompetittività industrijali, l-ispazju, is-sigurtà, it-tranżizzjoni nadifa, it-tħejjija u r-reżiljenza tal-Unjoni, u jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà, inklużi l-kultura u l-kreattività, u jsaħħu l-impatt tar-riċerka fl-iżvilupp u l-appoġġ tal-politiki tal-Unjoni.

2. L-attivitajiet għandhom jitwettqu b'mod ibbilanċjat bejn Livelli ta' Tħejjija Teknoloġika aktar baxxi u ogħla, u b'hekk ikopru l-katina tal-valur kollha.

3. Dan il-Programm għandu jinkludi l-attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni f'parti speċifika ddedikata tal-programmi ta' ħidma adottati skont il-Kapitoli IV sa VII tar-Regolament (UE) XXX Fond Ewropew għall-Kompetittività. Dawk il-programmi ta' ħidma għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) XXX [ir-Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Kompetittività].

4. Il-programm għandu jappoġġa attivitajiet biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjetali globali fl-oqsma tat-tisħiħ tal-valuri demokratiċi u l-indirizzar tad-diżinformazzjoni, inkluż l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; il-promozzjoni ta' trasformazzjonijiet soċjoekonomiċi li jikkontribwixxu għall-inklużjoni u t-tkabbir, l-indirizzar tal-isfidi demografiċi u interġenerazzjonali, inkluż minn perspettiva taż-żgħażagħ u inkluż il-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-integrazzjoni tal-migranti.

5. Il-programm għandu jikkontribwixxi għall-Missjonijiet tal-UE b'mod partikolari permezz tal-identifikazzjoni ta' azzjonijiet ta' prijorità għall-finanzjament tar-R&I għall-iżvilupp ta' għarfien, teknoloġiji, servizzi u prodotti ġodda fid-dawl tal-għanijiet tagħhom. Il-finanzjament għall-Missjonijiet tal-UE stabbiliti skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2021/695 għandu jingħata abbażi ta' programmi ta' ħidma li jkopru sas-sena baġitarja 2030.

6. Il-Programm għandu jappoġġa l-komponent tar-R&I tal-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

# Kapitolu IV

# Innovazzjoni

*Artikolu 16*

***Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC)***

1. L-EIC għandu jidentifika, jiżviluppa u jespandi t-teknoloġija profonda u l-innovazzjoni fixkiela mir-riċerka għall-espansjoni. Dan għandu jiġi implimentat prinċipalment permezz ta' sejħiet għal proposti miftuħa minn isfel għal fuq filwaqt li jiġi żgurat portafoll ibbilanċjat ta' azzjonijiet fl-oqsma tematiċi kollha. Dan għandu jiġi kkomplementat minn sejħiet tematiċi u "Sfida" mmirati f'oqsma ta' interess strateġiku potenzjali f'koordinazzjoni u sinerġija mill-qrib mas-sezzjonijiet ta' politika tal-FEK, b'mod partikolari mal-Istrument InvestEU tal-FEK.

2. L-EIC jista' b'mod partikolari jipprovdi t-tipi ta' appoġġ li ġejjin:

   (a) Għotjiet Pathfinder għal riċerka ta' riskju għoli, inkluża prova tal-kunċett u l-ħolqien ta' prototipi;

   (b) Għotjiet ta' tranżizzjoni biex jiġu żviluppati direzzjonijiet għall-iżvilupp kummerċjali għar-riżultati tar-riċerka, inkluż il-ħolqien ta' spin-offs u start-ups;

   (c) Finanzjament imħallat tal-Aċċelleratur u appoġġ għall-investiment biss lil kumpaniji uniċi biex jiżviluppaw, u jintroduċu l-innovazzjonijiet tagħhom fis-suq;

(d) Inċentivi għall-akkwirenti biex jittestjaw u jipprovdu l-ewwel klijenti għal innovazzjonijiet ta' teknoloġija profonda u fixkiela;

(e) Servizzi tal-Aċċelleratur tan-Negozju biex jikkomplementaw il-finanzjament tal-EIC billi jipprovdu aċċess, f'komplementarjetà u koordinazzjoni mal-Konsulenza tal-Proġetti msemmija fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) XXX [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività], għall-għarfien espert tat-teknoloġija profonda, il-coaching u l-mentoraġġ, it-tqabbil mal-investituri, l-akkwirenti, il-korporattivi u sħab oħra tal-innovazzjoni.

3. It-tipi ta' appoġġ imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu kkombinati b'mod flessibbli fl-Isfidi tal-EIC żviluppati u ssorveljati mill-Maniġers tal-Programmi tal-EIC. L-isfidi tal-EIC għandhom jiġu implimentati bl-użu ta' approċċ ta' portafoll fejn l-azzjonijiet jintgħażlu abbażi tal-komplementarjetajiet tagħhom biex jinkisbu objettivi definiti u jinteraġixxu ma' xulxin taħt is-superviżjoni tal-Maniġer tal-Programm tal-EIC.

4. L-appoġġ kollu għall-investiment tal-EIC għandu jiġi implimentat minn veikolu ta' investiment iddedikat wieħed jew aktar stabbiliti f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru (il-Fond tal-EIC). Il-Fond tal-EIC għandu jkun strutturat b'tali mod li jkun jista' jattira investituri pubbliċi jew privati oħra sabiex iżid l-effett ta' ingranaġġ tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni.

5. L-EIC jista' jappoġġa l-innovazzjoni f'teknoloġiji kritiċi b'enfasi fuq l-applikazzjonijiet tad-difiża f'koordinazzjoni mill-qrib mat-tieqa ta' politika FEK "Reżiljenza u Sigurtà, Industrija tad-Difiża u Spazju". F'dawk il-każijiet, għandhom japplikaw l-Artikoli 51 u 52 tar-Regolament (UE) XXX [Fond Ewropew għall-Kompetittività].

*Artikolu 17*

***Ekosistemi tal-Innovazzjoni***

1. Il-programm għandu jappoġġa lill-organizzazzjonijiet biex joħolqu ekosistemi tal-innovazzjoni u kundizzjonijiet ta' qafas kompetittivi, robusti u konnessi. Għal dan l-għan għandhom jiġu segwiti sinerġiji ma' programmi tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali.

2. Il-Programm għandu jappoġġa l-attivitajiet li jrawmu l-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien — l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u n-negozju — madwar l-Unjoni.

# Kapitolu V

# Żona Ewropea tar-Riċerka

*Artikolu 18*

***Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-infrastrutturi***

1. L-objettiv taż-Żona Ewropea tar-Riċerka ("ŻER") huwa li jinħoloq suq uniku u mingħajr fruntieri għar-riċerka, l-innovazzjoni u t-teknoloġija madwar l-Unjoni, li fih ir-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament.

2. Il-Programm għandu jiżgura l-promozzjoni u l-protezzjoni effettivi tal-valuri u l-prinċipji taż-ŻER u l-Patt għar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari l-etika u l-integrità fir-riċerka u l-innovazzjoni, il-libertà tar-riċerka xjentifika u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs, u l-promozzjoni ta' karrieri attraenti fir-riċerka u l-mobbiltà. Il-finanzjament tal-Infrastrutturi tar-Riċerka u t-Teknoloġija għandu jikkontribwixxi biex l-Unjoni tiġi mgħammra b'ekosistema b'saħħitha u koerenti ta' faċilitajiet u servizzi sostenibbli ta' klassi dinjija, li tibni fuq infrastrutturi pan-Ewropej prijoritizzati u kapaċitajiet nazzjonali komplementari tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u bl-użu ta' strumenti ta' finanzjament, inklużi sħubijiet Ewropej. Il-Programm għandu jikkontribwixxi sa 20 % tal-kostijiet tal-bini ta' kapaċitajiet kritiċi ġodda ta' klassi dinjija tal-infrastrutturi Ewropej tar-riċerka u t-teknoloġija.

3. Il-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki għandha tipprovdi lill-Istati Membri u lill-Pajjiżi Assoċjati b'appoġġ espert prattiku biex ifasslu, jimplimentaw u jevalwaw riformi li jtejbu l-kwalità tal-investimenti, il-politiki u s-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħhom. Dan għandu jikkontribwixxi għall-bini ta' sistemi nazzjonali ta' riċerka u innovazzjoni aktar b'saħħithom u aktar effettivi u Żona Ewropea tar-Riċerka aktar robusta.

*Artikolu 19*

***Twessigħ***

1. "Pajjiżi tat-twessigħ" huma l-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja għall-finijiet tal-finanzjament tal-azzjonijiet skont il-paragrafu 5, il-punti a) u b).

2. "Pajjiżi fi tranżizzjoni" huma Ċipru, l-Estonja, il-Greċja, Malta, il-Portugall u s-Slovenja, għall-finijiet tal-finanzjament tal-azzjonijiet skont il-paragrafu 5, il-punt b).

3. L-entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi tat-twessigħ tal-parteċipazzjoni jew f'pajjiżi fi tranżizzjoni biss għandhom ikunu eliġibbli bħala koordinaturi taħt il-komponent "twessigħ tal-parteċipazzjoni u tixrid tal-eċċellenza" tal-parti tal-Programm "Tisħiħ taż-ŻER".

4. Għall-pajjiżi assoċjati, l-entitajiet legali mil-lista ta' pajjiżi eliġibbli kif definiti abbażi ta' indikatur u ppubblikati fil-programm ta' ħidma għandhom ikunu eliġibbli bis-sħiħ bħala koordinaturi taħt dan il-komponent. L-entitajiet legali mir-reġjuni ultraperiferiċi kif definiti fl-Artikolu 349 tat-TFUE għandhom ikunu eliġibbli wkoll bħala koordinaturi taħt dan il-komponent u għandhom ikunu soġġetti għall-istess

regoli li japplikaw għall-pajjiżi tat-twessigħ tal-parteċipazzjoni skont dan l-Artikolu, bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 7.

5. It-“Twessigħ” jinkludi dan li ġej:

(a) miżuri tal-bini tal-kapaċità;

(b) miżuri li jappoġġaw in-networking, il-valorizzazzjoni tal-għarfien, il-ġlieda kontra l-eżodu ta’ mħuħ u appoġġ iddedikat għall-Punti ta’ Kuntatt Nazzjonali (NCP).

6. Il-Programm għandu jassisti lill-pajjiżi ta’ twessigħ u ta’ tranżizzjoni biex iżidu l-parteċipazzjoni tagħhom u jippromwovu kopertura ġeografika wiesgħa fi proġetti kollaborattivi eċċellenti. Dawk l-isforzi għandhom jiġu riflessi b’miżuri proporzjonali mill-Istati Membri.

7. Mill-2030’il quddiem, l-aċċess għal miżuri ta’ bini tal-kapaċità huwa ristrett għal dawk il-pajjiżi li qed iwessgħu u li żiedu n-nefqa reali tagħhom tal-investiment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp fl-aħħar sena magħrufa meta mqabbla mas-sena ta’ qabel.

# Titolu II — Regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid

## Kapitolu I

## Dispożizzjonijiet Ġenerali

*Artikolu 20*

***Regoli tal-FEK***

1. L-Artikolu 10(2), 10 (3) dwar il-Preferenza tal-UE, l-Artikolu 13 dwar l-Applikazzjoni tar-regoli dwar informazzjoni klassifikata u informazzjoni sensittiva u l-Artikolu 20 dwar Azzjoni Aċċellerata u Mmirata għall-Kompetittività tar-Regolament (UE) XXX [Fond Ewropew għall-Kompetittività] għandhom japplikaw għall-fini ta’ dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

*Artikolu 21*

***Eliġibbiltà***

1. Il-kriterji ta’ eliġibbiltà għandhom jiġu stabbiliti biex jappoġġaw il-kisba tal-objettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3, f’konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u japplikaw għall-proċeduri kollha ta’ aġġudikazzjoni taħt il-Programm.

2. Fi proċeduri ta’ aġġudikazzjoni taħt ġestjoni diretta u indiretta, waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin tal-entitajiet legali li ġejjin jistgħu jkunu eliġibbli biex jirċievu appoġġ mill-Unjoni:

(a) l-entitajiet stabbiliti fi Stat Membru;

(b) l-entitajiet stabbiliti f’pajjiż terz assoċjat;

(c) entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati b'introjtu baxx sa medju jew, eċċezzjonalment, f'pajjiżi terzi mhux assoċjati oħra jekk il-pajjiż terz ikun identifikat fil-programm ta' ħidma adottat mill-Kummissjoni;

(d) entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati, sa fejn il-finanzjament ta' tali entitajiet ikun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u jikkontribwixxi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.

3. Ħlief meta l-programm ta' ħidma jipprovdi mod ieħor, biex ikunu eliġibbli għall-parteċipazzjoni f'azzjonijiet ta' għotja, l-entitajiet legali għandhom jiffurmaw konsorzju li bħala benefiċjarji jinkludi tliet entitajiet legali indipendenti minn xulxin u kull waħda stabbilita f'pajjiżi differenti kif ġej:

(a) tal-inqas żewġ entitajiet legali jkunu stabbiliti fi Stati Membri differenti; kif ukoll

(b) tal-inqas entità legali oħra stabbilita fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż assoċjat ieħor.

4. L-azzjonijiet ta' riċerka fil-fruntieri tal-għarfien tal-ERC, l-azzjonijiet tal-EIC, l-azzjonijiet ta' riċerka u taħriġ u l-azzjonijiet li jinvolvu jew li għandhom bħala l-għan primarju tagħhom l-implimentazzjoni tal-akkwist prekummerċjali jew l-akkwist ta' soluzzjonijiet innovattivi, jistgħu jiġu implimentati minn entità legali waħda jew aktar, dment li waħda minn dawk l-entitajiet legali għandha tkun stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat.

5. L-azzjonijiet ta' koordinazzjoni u appoġġ jistgħu jiġu implimentati minn entità legali waħda jew aktar, li tista' tkun stabbilita fi Stat Membru, f'pajjiż assoċjat jew f'pajjiż terz ieħor.

6. F'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju, għal raġunijiet ta' sigurtà, ir-restrizzjonijiet tal-eliġibbiltà għandhom japplikaw għall-fornituri ta' riskju għoli, skont id-dritt tal-UE, għal raġunijiet ta' sigurtà.

7. L-organizzazzjonijiet internazzjonali Ewropej tar-riċerka u entitajiet legali maħluqa taħt il-liġi tal-Unjoni għandhom jitqiesu li huma stabbiliti fi Stat Membru differenti minn dawk li fihom huma stabbiliti entitajiet legali oħra li jipparteċipaw fl-azzjoni.

8. L-organizzazzjonijiet internazzjonali għajr l-organizzazzjonijiet internazzjonali Ewropej tar-riċerka għandhom jitqiesu li huma stabbiliti f'pajjiż terz mhux assoċjat, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fil-programm ta' ħidma jew fis-sejħa għal proposti.

9. Minbarra l-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-pajjiżi terzi assoċjati msemmija fl-Artikolu 9(1) u l-organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu, fejn rilevanti, jipparteċipaw ukoll fi kwalunkwe mekkaniżmu tal-akkwist stabbilit fl-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u jibbenefikaw minnu. Ir-regoli applikabbli għall-Istati Membri għandhom jiġu applikati, mutatis mutandis, għall-pajjiżi terzi assoċjati parteċipanti u l-organizzazzjonijiet internazzjonali.

10. Fi proċeduri ta' aġġudikazzjoni, l-attivitajiet li ġejjin ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-finanzjament:

(a) l-attivitajiet li huma pprojbiti mil-liġi tal-Unjoni, mil-liġi internazzjonali applikabbli, jew mil-liġi nazzjonali fl-Istati Membri kollha; l-attivitajiet li diġà huma ffinanzjati kompletament minn sorsi pubbliċi jew privati oħra, bl-

eċċezzjoni ta' kontribuzzjonijiet mill-Unjoni fil-kuntest tal-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8(1);

(b) l-attivitajiet immirati lejn il-klonazzjoni umana għal skopijiet riproduttivi;

(c) attivitajiet maħsuba biex jimmodifikaw il-wirt ġenetiku tal-bnedmin li jistgħu jagħmlu tali modifiki ereditarji, ħlief riċerka relatata mat-trattament tal-kanċer tal-gonadi;

(d) l-attivitajiet maħsuba biex joħolqu embrijuni umani biss għall-fini ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni jew għall-fini ta' akkwist ta' ċelloli staminali, inkluż permezz ta' trasferiment nukleari ta' ċelloli somatiċi;

(e) ir-riċerka fuq iċ-ċelloli staminali umani, kemm adulti kif ukoll tal-embrijuni, tista' tiġi ffinanzjata b'mod li l-finanzjament ikun jiddependi kemm fuq il-kontenut tal-proposta xjentifika kif ukoll fuq il-qafas legali tal-Istati Membri involuti;

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), ma għandu jiġi pprovdut l-ebda finanzjament fi Stat Membru għal attività ta' riċerka, teknoloġika jew ta' dimostrazzjoni li hija pprojbita f'dak l-Istat Membru.

11. Minbarra r-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 132 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni u l-impenji legali li jirriżultaw għandhom jippermettu t-terminazzjoni meta l-objettivi tal-azzjoni x'aktarx mhux se jintlaħqu bl-ebda mod jew fl-iskedi ta' żmien stabbiliti, jew l-azzjoni tkun tilfet ir-rilevanza politika tagħha.

12. Il-programm ta' ħidma jew id-dokumenti relatati mal-proċedura ta' aġġudikazzjoni jistgħu jispeċifikaw il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament jew jistabbilixxu kriterji ta' eliġibbiltà addizzjonali għal azzjonijiet speċifiċi inkluż biex jitqiesu rekwiżiti speċifiċi ta' politika.

*Artikolu 22*

***Integrità tal-etika u tar-riċerka***

1. L-azzjonijiet imwettqa għandhom jikkonformaw ma':

(a) id-dritt rilevanti tal-Unjoni, nazzjonali u internazzjonali, inklużi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Protokolli Supplimentari tagħha;

(b) il-prinċipji etiċi inkluż l-ogħla standards tal-integrità tar-riċerka.

2. Għall-proċeduri ta' aġġudikazzjoni identifikati fil-programm ta' ħidma, l-entitajiet legali li jipparteċipaw f'azzjoni għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) jipprovdu awtovalutazzjoni tal-etika relatata mal-objettiv, l-implimentazzjoni u l-impatt probabbli tal-attivitajiet, inkluż konferma u deskrizzjoni tal-konformità mal-paragrafu 1;

(b) jipprovdu konferma li l-attivitajiet se jikkonformaw ma' (i) il-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew għall-Integrità tar-Riċerka, (ii) il-Kodiċi ta' Kondotta Globali għal Sħubijiet ta' Riċerka Ekwa u li mhu se titwettaq l-ebda attività eskluża mill-finanzjament;

(c) għal attivitajiet imwettqa barra mill-Unjoni, jipprovdu konferma li l-istess attivitajiet kieku kienu jitħallew jitwettqu f'xi Stat Membru;

(d) għal attivitajiet li jagħmlu użu minn ċelloli staminali tal-embrijuni umani, kif xieraq, id-dettalji tal-miżuri ta' liċenzjar u ta' kontroll li jkollhom jittieħdu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati kif ukoll id-dettalji tal-approvazzjonijiet etiċi li għandhom jinkisbu qabel qabel il-bidu tal-attivitajiet ikkonċernati;

(e) jiksbu l-approvazzjonijiet kollha jew dokumenti obbligatorji oħra mill-kumitati tal-etika nazzjonali, lokali jew korpi oħra rilevanti, bħall-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data, qabel il-bidu tal-attivitajiet rilevanti u jżommu dawk id-dokumenti fil-fajl biex jiġu pprovduti lill-Kummissjoni jew lill-korp ta' implimentazzjoni rilevanti fuq talba.

# Kapitolu II

# Għotjiet

*Artikolu 23*

***Sejħiet għall-proposti***

1. Mhijiex meħtieġa sejħa għall-proposti għal azzjonijiet ta' koordinazzjoni u appoġġ li:

(a) jridu jitwettqu minn entitajiet legali identifikati fil-programm ta' ħidma; u li

(b) ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sejħa għall-proposti, f'konformità mal-Artikolu 198, il-punt (e), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

2. Il-programm ta' ħidma għandu jispeċifika s-sejħiet għall-proposti li għalihom jistgħu jingħataw Siġilli tal-Kompetittività. L-informazzjoni dwar l-applikazzjoni u l-evalwazzjoni tista' tiġi kondiviża mal-awtoritajiet finanzjarji interessati, soġġett għall-konklużjoni ta' ftehimiet ta' kunfidenzjalità sakemm ma jkunx hemm oġġezzjoni espliċita mill-applikant.

*Artikolu 24*

***Kapaċità finanzjarja tal-applikanti***

1. Barra mill-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 201(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-kapaċità finanzjarja għandha tiġi vverifikata biss jekk il-finanzjament mitlub mill-Unjoni għall-azzjoni jkun ugwali għal jew aktar minn EUR 1.000 000.

2. Minkejja l-paragrafu 1, jekk ikun hemm raġunijiet biex tiġi ddubitata l-kapaċità finanzjarja ta' applikant, jew jekk ikun hemm riskju akbar minħabba l-parteċipazzjoni f'diversi azzjonijiet kurrenti ffinanzjati minn programmi tal-Unjoni tar-R&I, għandha tiġi vverifikata wkoll il-kapaċità finanzjarja ta' applikanti oħrajn, jew ta' koordinaturi anke fejn il-finanzjament mitlub ikun taħt il-limitu msemmi fil-paragrafu 1.

3. Jekk il-kapaċità finanzjarja tkun strutturalment garantita minn entità legali oħra, il-kapaċità finanzjarja tal-entità ġuridika l-oħra għandha tiġi verifikata.

4. Fil-każ fejn il-kapaċità finanzjarja ta' applikant tkun dgħajfa, il-parteċipazzjoni tal-applikant tista' ssir bil-kundizzjoni li tiġi pprovduta dikjarazzjoni ta' responsabbiltà in solidum minn entità affiljata.

5. Il-kontribuzzjoni lejn il-Mekkaniżmu ta' Assikurazzjoni Mutwa li hija stipulata fl-Artikolu 30 għandha titqies bħala garanzija suffiċjenti skont l-Artikolu 155 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. L-ebda garanzija jew sigurtà addizzjonali ma għandha tiġi aċċettata minn benefiċjarji jew imposta fuqhom.

*Artikolu 25*

***Kriterji tal-aġġudikazzjoni u l-għażla***

1. Proposta għandha tiġi evalwata abbażi tal-kriterji tal-għotja li ġejjin:

(a) l-eċċellenza;

(b) l-impatt;

(c) il-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni.

Il-programm ta' ħidma għandu jistabbilixxi d-dettalji dwar l-applikazzjoni tal-kriterji tal-għoti msemmija fil-paragrafu 1.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-kriterju ta' eċċellenza msemmi fil-punt (a) ta' dak il-paragrafu biss għandu japplika għal evalwazzjonijiet taħt azzjonijiet ta' riċerka fil-fruntieri tal-għarfien tal-ERC u azzjonijiet ta' riċerka u taħriġ.

*Artikolu 26*

***Żmien għall-għotja***

1. Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 197(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, għandhom japplikaw il-perjodi li ġejjin:

(a) biex jiġu infurmati l-applikanti kollha bir-riżultat tal-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tagħhom, perjodu massimu ta' 5 xhur mid-data finali għall-preżentazzjoni tal-proposti kompluti;

(b) biex jiġu ffirmati l-ftehimiet ta' għotja mal-applikanti, perjodu massimu ta' 7 xhur mid-data finali għall-preżentazzjoni tal-proposti kompluti.

2. Il-programm ta' ħidma jista' jistabbilixxi perjodi iqsar minn dawk previsti fil-paragrafu 1.

3. Minbarra l-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 197(2), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-perjodi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jinqabżu għal azzjonijiet tal-ERC, b'approċċ orjentat lejn il-missjonijiet u meta l-azzjonijiet jiġu sottomessi għal valutazzjoni tal-etika, bi skrutinju tas-sigurtà jew valutazzjonijiet biex tiġi protetta l-kompetittività tal-Unjoni inklużi l-assi u l-interessi strateġiċi tagħha.

*Artikolu 27*

***Rati ta' finanzjament***

1. Għandha tapplika rata unika ta' finanzjament għal kull azzjoni għall-attivitajiet kollha li jiffinanzja. Ir-rata massima għal kull azzjoni għandha tiġi stabbilita fil-programm ta' ħidma.

2. Sa 100 % tat-total tal-kostijiet eliġibbli ta' azzjoni taħt il-Programm jistgħu jiġu rimborżati, ħlief għal entitajiet legali bi skop ta' qligħ fejn sa 70 % tat-total tal-kostijiet eliġibbli jistgħu jiġu rimborżati. Bħala eċċezzjoni, l-SMEs għandhom ikunu eliġibbli għal rata ta' finanzjament sa 100 % tat-total tal-kostijiet eliġibbli.

*Artikolu 28*

***Kostijiet indiretti***

1. Il-kostijiet eliġibbli indiretti għandhom ikunu 25 % tal-kostijiet eliġibbli diretti totali, esklużi l-kostijiet eliġibbli diretti għal subkuntratti, appoġġ finanzjarju għal partijiet terzi u kwalunkwe kost unitarju jew somma f'daqqa li jinkludu kostijiet indiretti. Fejn xieraq, il-kostijiet indiretti inklużi fil-kostijiet unitarji jew fis-somom f'daqqa għandhom jiġu kkalkulati bl-użu tar-rata fissa msemmija fis-sentenza preċedenti.

2. Minkejja l-paragrafu 1, jekk previst fil-programm ta' ħidma, il-kostijiet indiretti jistgħu jiġu dikjarati fil-forma ta' somma f'daqqa jew ta' kostijiet unitarji.

*Artikolu 29*

**Kostijiet *eliġibbli***

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 193(2) tar-Regolament Finanzjarju (UE, Euratom) 2024/2509, il-kostijiet tar-riżorsi li jsiru disponibbli minn partijiet terzi permezz ta' kontribuzzjonijiet in natura għandhom ikunu eliġibbli sal-kostijiet eliġibbli diretti tal-parti terza.

2. B'deroga mill-Artikolu 195(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, l-introjtu ġġenerat mill-valorizzazzjoni tar-riżultati ma għandux jitqies bħala dħul tal-azzjoni.

*Artikolu 30*

***Mekkaniżmu ta' Assigurazzjoni Reċiproka***

1. B'dan huwa stabbilit Mekkaniżmu ta' Assigurazzjoni Reċiproka (il-"MIM") li għandu jissostitwixxi u jieħu post il-Mekkaniżmu stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2021/695. Il-MIM għandu jkopri r-riskju assoċjat man-nuqqas ta' rkupru ta' somom dovuti minn ċerti benefiċjarji tal-FEK b'ġestjoni diretta, kif ukoll kwalunkwe riskju preeżistenti kopert f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2021/695.

2. Il-MIM għandu jiġi ġestit mill-Unjoni, rappreżentata mill-Kummissjoni li taġixxi bħala aġent eżekuttiv. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli speċifiċi għall-operat tal-MIM permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

3. Il-benefiċjarji għandhom jagħmlu kontribuzzjoni li għandha tiġi paċuta mal-prefinanzjament inizjali u mħallsa lura lill-benefiċjarji mal-pagament tal-bilanċ.

4. Kwalunkwe redditu finanzjarju ġġenerat mill-MIM u kwalunkwe ammont irkuprat għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 għall-Programm, jew is-suċċessur tiegħu. Jekk ir-ritorn ma jkunx biżżejjed, il-MIM ma għandux jintervjeni, u l-awtorità awtorizzanti għandha tirkupra kwalunkwe ammont direttament.

5. Ladarba jitlestew l-għotjiet kollha li għalihom ir-riskju jkun kopert mill-MIM, kwalunkwe ammont miżmum mill-MIM jista' jiġi rkuprat mill-Kummissjoni u għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 għall-Programm, jew is-suċċessur tiegħu.

*Artikolu 31*

***Sjieda tar-riżultati***

1. Il-benefiċjarji għandhom ikunu s-sidien tar-riżultati li huma jiġġeneraw.

2. Żewġ benefiċjarji jew aktar għandhom ikunu s-sidien b'mod konġunt tar-riżultati jekk ikunu ġġenerawhom b'mod konġunt u ma jkunx possibbli li:

   (a) tkun stabbilita l-kontribuzzjoni rispettiva ta' kull benefiċjarju; jew

   (b) jiġu sseparati r-riżultati meta ssir l-applikazzjoni għall-protezzjoni tagħhom.

   Huma għandhom jaqblu bil-miktub dwar l-allokazzjoni u t-termini tal-eżerċizzju tas-sjieda konġunta tagħhom. Sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor, kull sid konġunt jista' jagħti liċenzji mhux esklussivi lil partijiet terzi sabiex jużaw ir-riżultati ipposseduti b'mod konġunt (mingħajr ebda dritt ta' subliċenzjar), jekk is-sidien konġunti l-oħra jingħataw avviż minn qabel u kumpens ġust u raġonevoli. Is-sidien konġunti jistgħu jiftiehmu bil-miktub li japplikaw sistema oħra minflok sjieda konġunta.

3. Jekk il-partijiet terzi involuti fl-azzjoni (inkluż il-persunal) ikollhom drittijiet għar-riżultati, il-benefiċjarji għandhom jiżguraw li dawk id-drittijiet ikunu jistgħu jiġu eżerċitati b'mod kompatibbli mal-obbligi tagħhom fir-rigward ta' dawk ir-riżultati.

4. It-trasferiment tas-sjieda jista' jkun soġġett għal kundizzjonijiet kif stabbilit fil-programm ta' ħidma, il-kundizzjonijiet tas-sejħa jew il-ftehim ta' għotja, inkluż rekwiżit li jgħaddi kwalunkwe obbligu rigward ir-riżultati.

*Artikolu 32*

***Valorizzazzjoni u tixrid***

1. Il-benefiċjarji għandhom jamministraw ir-riżultati tagħhom f'konformità mal-obbligi stabbiliti fil-programm ta' ħidma, fil-kundizzjonijiet tas-sejħa jew fil-ftehim ta' għotja. Bħala parti minn dan, il-benefiċjarji għandhom:

   (a) jipproteġu r-riżultati tagħhom jekk ikunu ġġustifikati, b'mod partikolari jekk ir-riżultati jkollhom potenzjal kummerċjali;

   (b) jagħtu aċċess għar-riżultati u t-tagħrif eżistenti tagħhom jekk ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' kompiti ta' azzjoni jew għall-valorizzazzjoni tar-riżultati, inkluż għall-użu kummerċjali;

   (c) jagħmlu l-aħjar sforzi biex jivvalorizzaw ir-riżultati tagħhom, direttament jew indirettament, inkluż permezz ta' trasferiment jew liċenzjar; jekk ir-riżultati ma

jiġux valorizzati f'perjodu partikolari, il-Kummissjoni tista' tidentifika strumenti u għodod, bħal dawk li jservu l-istrateġija ta' valorizzazzjoni stabbilita fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) XXX [Fond Ewropew għall-Kompetittività], li l-benefiċjarji kkonċernati għandhom jużaw biex jiffaċilitaw il-valorizzazzjoni ta' dawk ir-riżultati;

(d) jippubblikaw ir-riżultati b'mod xieraq u malajr kemm jista' jkun, filwaqt li jżommu r-riżultati kunfidenzjali jekk ikun meħtieġ minħabba l-protezzjoni tal-assi intellettwali, it-tħassib dwar is-sigurtà jew l-interessi leġittimi;

(e) jaderixxu mal-prattiki tax-xjenza miftuħa, inkluż billi:

(i) jiżguraw l-aċċess miftuħ għall-pubblikazzjonijiet xjentifiċi kollha evalwati bejn il-pari dwar ir-riżultati;

(ii) jamministraw b'mod responsabbli d-data tar-riċerka fl-azzjoni u riżultati oħra f'konformità mal-prinċipji "traċċabbiltà", "aċċessibbiltà", "interoperabbiltà" u "użu mill-ġdid" (il-prinċipji FAIR) kif ukoll l-iżgurar ta' aċċess miftuħ għaliha sakemm dan ma jkunx kontra interessi leġittimi, inklużi interessi kummerċjali, jew restrizzjonijiet oħra.

(f) sakemm ma jkunx previst mod ieħor fil-programm ta' ħidma jew fil-kundizzjonijiet tas-sejħa, jiżviluppaw u jaġġornaw regolarment pjan għall-ġestjoni tar-riżultati tagħhom, inkluża d-data;

(g) jagħtu aċċess liberu għar-riżultati tagħhom għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki jew il-programmi tagħhom lill-entitajiet li ġejjin:

(i) lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni;

(ii) lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri, fejn previst fil-programm ta' ħidma, fil-kundizzjonijiet tas-sejħa jew fil-ftehim ta' għotja.

*Artikolu 33*

***Akkwist prekummerċjali u akkwist pubbliku ta' soluzzjonijiet innovattivi***

1. L-azzjonijiet ta' għotja jistgħu jinvolvu jew ikollhom bħala l-għan primarju tagħhom l-akkwist prekummerċjali jew l-akkwist ta' soluzzjonijiet innovattivi. Dawn l-akkwisti għandhom jitwettqu minn benefiċjarji li huma akkwirenti pubbliċi jew akkwirenti privati.

2. Il-proċeduri ta' akkwist:

(a) meta mwettqa minn akkwirenti pubbliċi: għandhom jikkonformaw mar-regoli tal-kompetizzjoni u mal-prinċipji tat-trasparenza, in-nondiskriminazzjoni, it-trattament ugwali, il-ġestjoni finanzjarja tajba, il-proporzjonalità, ir-regoli applikabbli tal-UE għat-tisħiħ tar-reżiljenza fil-ktajjen tal-provvista u r-rekwiżiti regolatorji speċifiċi għas-settur;

(b) meta mwettqa minn akkwirenti privati: għandhom jikkonformaw mal-prinċipji tat-TFUE, mar-regoli tal-kompetizzjoni u mal-liġi kuntrattwali applikabbli, mar-regoli tal-UE għat-tisħiħ tar-reżiljenza fil-ktajjen tal-provvista u mar-rekwiżiti regolatorji speċifiċi għas-settur

(c) jistgħu jawtorizzaw l-għoti ta' kuntratti multipli fi ħdan l-istess proċedura (akkwisti multipli);

(d) għandhom jipprevedu l-aġġudikazzjoni tal-kuntratti lill-offerti li joffru l-aqwa valur għall-flus filwaqt li jiżguraw li ma hemm l-ebda kunflitti ta' interess.

3. Fil-każ ta' akkwist prekummerċjali, il-proċedura ta' akkwist tista' titwettaq b'żewġ fażijiet minflok tliet fażijiet u tista' tinkludi x-xiri ta' soluzzjonijiet li huma l-ewwel tat-tip tagħhom biex tiġi ssimplifikata u aċċellerata l-implimentazzjoni.

4. Jistgħu japplikaw kundizzjonijiet speċifiċi inkluż rigward il-post tat-twettiq tas-servizzi, l-oġġetti jew ix-xogħlijiet akkwistati u s-sjieda tar-riżultati u l-aċċess għalihom. Bħala parti minnu, għall-akkwist prekummerċjali:

(a) il-kuntratturi għandu jkollhom mill-inqas id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali għar-riżultati li jkunu ġġeneraw, filwaqt li l-akkwirenti għandhom jiksbu mill-inqas aċċess liberu għar-riżultati għall-użu tagħhom stess kif ukoll aċċess liberu għar-riżultati għall-kuntratturi attwali u futuri tagħhom biex jużaw ir-riżultati għall-akkwirenti.

(b) f'każ ta' dipendenzi żejda tal-katina tal-provvista jew kwistjonijiet ta' sigurtà tal-provvista mal-kuntratturi, jew f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza fejn il-kuntratturi ma jkunux jistgħu jipprovdu soluzzjonijiet suffiċjenti biex jissodisfaw domanda usa' fis-suq tal-UE, l-akkwirenti għandu jkollhom id-dritt li jagħtu, jew jirrikjedu li l-kuntratturi jagħtu d-dritt lil partijiet terzi li jużaw ir-riżultati kummerċjalment għall-akkwirent u għal swieq usa' fuq bażi mhux esklużiva u taħt kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli;

(c) jekk il-kuntratturi jonqsu milli jużaw ir-riżultati tagħhom kummerċjalment f'perjodu partikolari jew jabbużaw mir-riżultati tagħhom kontra l-interess pubbliku, jistgħu jkunu meħtieġa jittrasferixxu s-sjieda tagħhom tar-riżultati lill-akkwirenti.

5. L-azzjonijiet ta' akkwist imwettqa mill-Kummissjoni jew mill-korpi ta' implimentazzjoni jistgħu jieħdu l-forma ta' akkwist prekummerċjali jew akkwist pubbliku ta' soluzzjonijiet innovattivi. Dawn l-akkwisti għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni jew mill-korp ta' implimentazzjoni rilevanti f'isimha stess jew b'mod konġunt mal-awtoritajiet kontraenti mill-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati.

# Kapitolu III

# Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni

*Artikolu 34*

***Regoli speċifiċi tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni***

1. F'konformità mal-Artikolu 20(2)(a)(i) tar-Regolament (UE) XXX [Fond Ewropew għall-Kompetittività], l-għotjiet tat-Tranżizzjoni tal-EIC jistgħu jingħataw mingħajr sejħiet għall-proposti għall-fini ta' finanzjament ta' segwitu għar-riżultati ġġenerati minn azzjonijiet iffinanzjati mill-Programm u mir-Regolament ta' Orizzont Ewropa Nru 2021/695.

2. L-Aċċelleratur tal-EIC għandu jappoġġa biss lil benefiċjarji uniċi u destinatarji ta' investiment uniċi li jkunu SMEs, inklużi negozji ġodda, u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.

3. Il-proposti għal azzjonijiet tal-Aċċelleratur tal-EIC jistgħu jiġu ppreżentati minn entità legali waħda jew aktar li jkollhom l-intenzjoni li jistabbilixxu jew jappoġġaw lil riċevitur potenzjali, bil-qbil minn qabel ta' dak ir-riċevitur. Jekk jintgħażel għall-finanzjament, il-ftehim tal-għotja u tal-investiment għandu jiġi ffirmat biss ma' dak ir-riċevitur.

4. Fil-każ ta' azzjonijiet ta' finanzjament imħallat, il-benefiċjarju u d-destinatarju tal-investiment jistgħu jkunu differenti, fis-sens li d-destinatarju tal-investiment jista' jkun il-kumpanija azzjonarja jew il-kumpanija omm tal-benefiċjarju.

5. Il-korpi ta' finanzjament li jimplimentaw Programmi tal-Unjoni, jew programmi nazzjonali jew reġjonali ċċertifikati mill-Kummissjoni, jistgħu jissottomettu direttament proposta għal sejħa għat-Tranżizzjoni tal-EIC jew għall-Aċċelleratur tal-EIC, fejn tali proposti jirriżultaw minn rieżami ta' proġett ta' azzjoni ffinanzjata mill-programm iċċertifikat u soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programm ta' ħidma tal-EIC (Plug in tal-EIC).

6. Għall-Aċċelleratur tal-EIC, it-tliet kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 25(1) għandhom jiġu sostitwiti bil-livell ta' riskju tal-azzjoni, il-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni, u l-ħtieġa tal-appoġġ tal-Unjoni.

7. L-investimenti għandhom isiru f'destinatarji tal-investiment mhux bankabbli u b'mod konġunt ma' koinvestimenti minn investituri privati oħra. Madankollu, fejn tali appoġġ ma jingħatax kompletament mill-Fond Ewropew għall-Kompetittività, jista' jingħata appoġġ lil destinatarji tal-investiment bankabbli jew mingħajr il-parteċipazzjoni ta' investituri oħra, sabiex jiġu protetti l-interessi strateġiċi tal-Unjoni.

8. B'deroga mill-Artikolu 212(2)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-kundizzjonijiet li jikkonċernaw il-vijabbiltà ekonomika ma għandhomx japplikaw għall-azzjonijiet ta' investiment tal-Aċċelaratur tal-EIC.

9. L-azzjonijiet ta' finanzjament imħallat għandhom jiġu sospiżi, emendati jew, jekk debitament ġustifikati, terminati jekk ma jintlaħqux tappi miżurabbli jew jekk il-benefiċjarju jirrifjuta l-appoġġ għall-investiment mingħajr raġuni debitament ġustifikata.

10. Il-Fond tal-EIC jista' jagħti investimenti ta' segwitu:

    (a) jekk ikun meħtieġ biex jiġu protetti l-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà tal-Unjoni; jew

    (b) jekk ċikli ta' finanzjament sussegwenti ma jipproċedux jew jipproċedu b'termini ferm inqas favorevoli mingħajr l-investiment ta' segwitu tal-EIC.

11. Il-programm ta' ħidma tal-EIC jista' jistabbilixxi limitazzjonijiet addizzjonali rigward l-għoti ta' appoġġ ta' segwitu.

*Artikolu 35*

***Tħassir***

Ir-Regolament (UE) 2021/695 huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2028.

*Artikolu 36*

***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali***

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa t-tkomplija jew il-modifika tal-azzjonijiet ikkonċernati, sal-għeluq tagħhom, skont ir-Regolament (UE) 2021/695, li għandu jkompli japplika għall-azzjonijiet ikkonċernati sal-għeluq tagħhom.
2. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Programm u l-miżuri adottati skont il-predeċessur tiegħu, ir-Regolament (UE) 2021/695.

*Artikolu 37*

***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' January 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA**


1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..... 3

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva ..... 3

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) ..... 3

1.3. Objettiv(i) ..... 3

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali ..... 3

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi ..... 3

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija ..... 3

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni ..... 3

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': ..... 4

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva ..... 4

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva ..... 4

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. ..... 4

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi ..... 4

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra ..... 5

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni ..... 5

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha ..... 6

1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) ..... 6

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI ..... 8

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar ..... 8

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll ..... 8

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta ..... 8

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom ..... 8

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) ..... 8

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet ..... 9

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..... 10

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i ... 10
3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet ... 12
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali ... 12
3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat ... 12
3.2.1.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern ... 17
3.2.2. Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali ... 22
3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi ... 24
3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat ... 24
3.2.3.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern ... 24
3.2.3.3. Total tal-approprjazzjonijiet ... 24
3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani ... 25
3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat ... 25
3.2.4.2. Iffinanzjati minn dħul assenjat estern ... 26
3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani ... 26
3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali 28
3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali ... 28
3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi ... 28
3.3. Impatt stmat fuq id-dħul ... 29
4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI ... 29
4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali ... 30
4.2. Data ... 30
4.3. Soluzzjonijiet diġitali ... 31
4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà ... 31
4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali ... 32

1. **QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

1.1. **Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva**

Programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni (Orizzont Ewropa)

1.2. **Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)**

Ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

1.3. **Objettiv(i)**

*1.3.1. Objettiv(i) ġenerali*

F'konformità mal-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa għandu jsaħħaħ il-kompetittività tal-UE, il-bażi teknoloġika xjentifika, u jindirizza l-isfidi globali bbażati fuq riċerka u innovazzjoni eċċellenti.

*1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

L-objettivi speċifiċi tal-Programm huma:

– Il-ħolqien ta' għarfien ta' kwalità għolja, ħiliet u karrieri attraenti għar-riċerkaturi u jappoġġaw it-twettiq taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER).

– Iż-żieda fir-riċerka kollaborattiva, il-kondiviżjoni u l-valorizzazzjoni tal-għarfien madwar l-UE u internazzjonali.

– L-allinjament tal-prijoritajiet tal-UE, nazzjonali u reġjonali biex tinħoloq ekosistema pan-Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni.

– It-tnaqqis tad-disparitajiet nazzjonali u reġjonali fil-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni, fil-ħiliet u fit-talent biex jissaħħu l-ekosistemi tal-innovazzjoni.

– It-titjib tal-pożizzjoni tal-Unjoni fl-innovazzjoni, b'enfasi speċifika fuq it-teknoloġiji strateġiċi u l-innovazzjoni fixkiela, it-tisħiħ tal-użu u tal-valorizzazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi biex titrawwem il-kompetittività u jiġu indirizzati l-isfidi soċjetali ewlenin.

– It-tnaqqis tar-riskji u l-mobilizzazzjoni ta' aktar finanzjament privat għar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari għall-appoġġ tat-teknoloġija profonda u l-espansjoni ta' negozji ġodda u SMEs innovattivi.

– Il-kontribut biex jiżdied l-investiment pubbliku u privat fir-riċerka u l-innovazzjoni fl-Istati Membri, li jikkontribwixxi biex tintlaħaq il-mira ta' nefqa globali ta' mill-inqas 3 % tal-Prodott Domestiku Gross ("PDG") tal-Unjoni fir-riċerka u l-iżvilupp.

*3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

– Il-promozzjoni tal-valuri ewlenin tal-libertà u l-ftuħ tax-xjenza.

– Iż-żieda tal-bażi ta' għarfien eċċellenti tal-Ewropa permezz ta' enfasi fuq il-valur miżjud tal-UE.

– L-attrazzjoni tal-aqwa riċerkaturi fl-Ewropa u lil hinn minnha permezz ta' approċċ "Agħżel l-Ewropa".

– L-immobilizzar tal-investimenti pubbliċi u privati tul il-katina sħiħa tar-R&I - mir-riċerka fundamentali sal-introduzzjoni fis-suq.

– Il-kontribut biex jonqos id-distakk fl-innovazzjoni b'mod partikolari billi jingħata appoġġ lill-innovazzjoni madwar l-Ewropa u tiżdied il-koerenza bejn l-iskemi ta' finanzjament tal-UE u l-investimenti tal-Istati Membri.

– L-isfruttament tal-potenzjal ta' tnaqqis tar-riskji tal-baġit tal-UE.

– L-investiment jiġi ffukat fuq il-prijoritajiet strateġiċi tal-UE, inklużi d-dekarbonizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, is-sigurtà, ir-reżiljenza u l-koeżjoni soċjali.

– Jitjieb l-aċċess għall-finanzjament tal-UE permezz ta' proċeduri aktar rapidi, iċċentrati fuq l-utent, simplifikati u armonizzati biex titwessa' l-parteċipazzjoni u jitħaffu r-riżultati.

1.3.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

Din l-inizjattiva se tiġi mmonitorjata permezz tal-qafas għall-prestazzjoni għall-baġit ta' wara l-2027, li huwa kopert fi proposta separata. Il-qafas għall-prestazzjoni jipprevedi rapport ta' implimentazzjoni matul il-fażi ta' implimentazzjoni tal-programm, kif ukoll evalwazzjoni retrospettiva li għandha titwettaq f'konformità mal-Artikolu 34(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. L-evalwazzjoni għandha titwettaq f'konformità mal-Linji Gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar u se tkun ibbażata fuq indikaturi rilevanti għall-objettivi tal-programm. Dawn tal-aħħar għandhom jinkludu indikaturi tal-output, tal-eżitu u tal-impatt SMART (speċifiċi, miżurabbli, li jistgħu jinkisbu, rilevanti u marbuta biż-żmien) biex ikopru l-progress lejn il-kisba tal-objettivi speċifiċi u ġenerali tal-Fond tul id-direzzjonijiet tal-impatt fuq terminu qasir, medju u twil rispettivament.

L-indikaturi tal-impatt għandhom jiġu mmonitorjati fit-tul, b'mod indikattiv mill-5 sena wara l-bidu tal-programm. Dawn għandhom jinkludu, iżda ma jkunux limitati għal: 1) Is-sehem ta' pubblikazzjonijiet fost l-iktar ċitati fil-livell globali; 2) L-effett kawżali fuq it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tar-riċerkaturi, inklużi s-salarji, 3) Effett kawżali tal-parteċipazzjoni fuq it-tkabbir tal-fatturat f'kumpaniji privati ffinanzjati; 4) L-effett kawżali tal-parteċipazzjoni fuq it-tkabbir tal-impjiegi f'kumpaniji privati ffinanzjati; 5) L-effett nett stmat tal-finanzjament tal-UE fuq it-tkabbir tal-PDG fl-UE; 6) L-effett nett stmat tal-finanzjament tal-UE (R&I) fuq l-impjiegi totali fl-UE; 7) Il-kontribuzzjoni stmata għall-mira ta' 3 % tal-infiq tal-UE fir-R&Ż

**1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':**

■ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[18]

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

[18] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-UE tinsab f'salib it-toroq kritiku. It-tibdil fil-klima, it-tfixkil teknoloġiku, is-sitwazzjoni ġeopolitika li qed tinbidel, u x-xejriet demografiċi qed isawru mill-ġdid u b'mod profond is-soċjetà u l-ekonomija tagħna. Biex tibqa' kompetittiva, reżiljenti, sigura u magħquda, l-Ewropa trid tagħti prijorità lir-riċerka u l-innovazzjoni. Nistgħu nibnu Ewropa aktar sostenibbli, sigura u kompetittiva għal kulħadd, biss billi ninvestu fix-xjenza, nagħtu s-setgħa lin-nies u lill-intraprendituri tagħna, u naħdmu flimkien.

Dan l-imperattiv huwa enfasizzat fir-rapport ta' Draghi dwar il-futur tal-kompetittività tal-UE li poġġa l-innovazzjoni fil-qalba tal-kapaċità tal-Ewropa biex terġa' tikseb it-tkabbir tal-produttività. Ir-rapport ta' Letta dwar il-futur tas-Suq Uniku, u r-rapport ta' Heitor dwar il-futur tal-politika tal-UE dwar ir-R&I enfasizzaw ukoll il-ħtieġa li l-UE żżid l-isforzi ta' innovazzjoni għall-kompetittività, is-sostenibbiltà u s-sigurtà tagħha.

Jeħtieġ li l-Ewropa tnaqqas id-distakk fl-innovazzjoni tagħha u tindirizza d-dgħufijiet tagħha li jibdew b'ostakli fil-perkors mill-innovazzjoni sal-kummerċjalizzazzjoni. L-appoġġ tas-settur pubbliku għar-R&I jeħtieġ ukoll li jindirizza n-nuqqasijiet tal-ekosistema tar-R&I tal-Ewropa u l-prestazzjoni tal-innovazzjoni kemm fil-livelli nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE.

